JANNAR 2010 – IT-30 SENA – GHADD 296 – NEWSPAPER POST – ISSN 1811-5373



# dawl Franġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

















3 **Mill-Bidu għall-Bidu**
Editorjal

4 **Bibbja**
minn P. Donat Spiteri OFMCap

6 **Il-Kenja Hi Għaqlija**
minn Mons. Francis Baldacchino OFMCap

7 **Poeżija**
minn Patri Wistin Attard OFMCap

8 **L-Ikel u n-Nutrizzjoni fl-Iżvilupp tat-Trabi u t-Tfal fid-Dinja ta' llum**
minn Dr Chris Sciberras MD

10 **Novella**
minn Lawrence Attard

12 **X'Familja Rridu? (2)**
minn Dr Mario Saliba MD

14 **Żvilupp b'Edukazzjoni Aħjar**
minn Br John Cassar OFMCap

17 **Il-Piena Kapitali**
minn Martin Bugeja

18 **Alla Għamilna Wliedu (2)**
minn Manwel Micallef

20 **Vokazzjoni**
minn Br Dennis Calleja OFMCap

21 **Okkult**
minn Fr Franco Fenech OFMCap

22 **Ġustizzja**
minn Dr Mark Anthony Mifsud Cutajar LL.D

24 **Baqa' Tifkira**
minn Paul J. Debona

26 **Il-Bolol ta' Malta (19)**
minn Tony C Cutajar

27 **L-Abbuż tad-Droga**

28 **Reċensjoni**

29 **Abbonament dawlFranġiskan**

30 **Kompetizzjonijiet**
minn P. Wistin Attard OFMCap

31 **Katekeżi tal-Papa Benedittu XVI**
minn Harry Agius Ordway


**Ħlas ta' l-Abbonament: €9.32 fis-sena.**
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur:
**Ċentru Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN1211**



*Qoxra:*
**Pittura ta' Piero della Francesca li tinsab fil-mużew nazzjonali ta' Perugia, Italja, tipperżenta (parti ċentali) il-Madonna bil-Bambin flimkien mal-qaddisin: Sant'Antnin, San Ġwann il-Battista, San Franġisk u Sta Elizabetta.**


**BORD EDITORJALI**

**Editur**
Leonard Falzon OFMCap

**Amministratur**
Crispin Tabone OFMCap

**Distributur**
Dorian Holland OFS

**Membri**
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - FRN1211
Tel: 2123 3874/2122 5525/2123 4949
e-mail: leofalzon@waldonet.net.mt

ISSN 1811-5373

**DISINN U LAYOUT**
Robert Tabone
Mob: 9947 3763

**MITBUGĦ**
Gutenberg Press Ltd.
Tel: 2189 7037

*Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.*



© Dawl Franġiskan 2010
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini



# MILL-BIDU GĦALL-BIDU

Il-poetessa Edith Lovejoy Pierce kitbet dan il-vers interessanti fuq l-Ewwel tas-Sena:

- "Se nifthu l-ktieb.
- Il-paġni tiegħu huma vojta.
- Se npoġġu kliem fuqhom.
- Il-ktieb jismu Opportunità u
- l-ewwel kapitlu hu Jum l-Ewwel tas-Sena".

Sena ġdida hija bidu għall-bidu. Fiha nnifisha hija bidu. L-ewwel ta' Jannar huwa l-bidu ta'l-ewwel xahar tas-sena l-ġdida. Iżda l-ewwel tas-sena jista' ikun bidu għall-ħajja ġdida u tamiet ġodda. Jista' ikun il-bidu ta' mod ġdid kif inħarsu lejn il-Mulej, lejn l-oħrajn u lejna nfusna. L-ewwel tas-sena jista' ikun il-bidu ta' ħajja dejjem ġdida u mġedda fil-Mulej.

Mill-esperjenza tal-ħajja nisranija tagħna nafu li l-għemejjel tal-ġisem, bħal ngħidu aħna: **"żina, faħx, nuqqas ta' rażan, idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbaħrid, u ħwejjeġ bħal dawn"** (Gal 5:19-21), itellfuna t-triq, jisirqulna s-sliem ta' qalbna, ixejħuna, jiżmagawna u jħalluna nofsna mejtin f'nofs it-triq ta' ħajjitna. Il-parir tal-profeta Eżekjel fil-bidu ta' sena ġdida huwa f'waqtu: **"Biegħdu minnkom il-ħtijiet kollha li waqajtu fihom, u ġeddu qalbkom u ruħkom"** (Eżek 18:31).

Se jseħħilna nagħmlu dan billi lil Ġesù nitolbuh bil-ħerqa: **"Ġesù nitlobuk, għax hekk hu meħtieġ, li tikber int u niċkien jien"** (ara Ġw 3:30). Il-Mulej Ġesù jeħodha bis-serjetà din it-talba għat-tiġdid tagħna bl-umiltà. Tant hu hekk li bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu jagħtina: **"l-imħabba, il-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan"** (Gal 5:22-23). L-umiltà hija ċ-ċavetta biex din is-sena, mill-bidu tagħha, tkun il-bidu tal-ħajja ta' mħabba ma' Alla Trinità u kifinhu preżenti fil-proxxmu tagħna. L-awtur Nisrani Persjan tar-raba' seklu, Afrat l-Għaref, fehemu dan. Afrat għandu din id-deskrizzjoni intressanti fuq il-bniedem umli fil-kitba tiegħu msejħa "Tifsiriet": **"Alla jersaq viċin tal-bniedem li jħobb, u huwa xieraq li tħobb l-umiltà u li tibqa' fiha. Min hu umli huwa sempliċi, paċenzjuż, iħobb, sħiħ, sewwa, tajjeb, prudenti, kalm, għaref, kwiet, mimli sliem, ħanin, lest biex jinbidel, ġeneruż, profond, jieħu ħsieb, sabiħ u jiġbed lin-nies"**.

Bħal tifel ċkejken, l-umli joħlom u jittama għalkemm jiżbalja. L-umli jafda fil-Mulej u fil-persuni ta' madwaru għax jemmen li l-imħabba għandha l-aħħar kelma. Għalhekk il-Mulej qalilna: **"Ħalluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla"** (Mk 10:14).

Fil-bidu ta' sena ġdida għandna l-opportunità li nħallu l-umiltà ġġeddilna ħajjitna mill-ġdid! •

# FIL-MILJA TAŻ-ŻMIEN





"Meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-Liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni tal-ulied" (Gal 4:4-5).

Għadda ż-żmien. U l-pjan li Alla kien stabbilixxa għas-salvazzjoni tal-bniedem sa minn qabel iż-żmien kellu jseħħ fil-milja taż-żmien. U seħħ tassew bil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni.

## ID-DIGRIET TAL-INKARNAZZJONI

Dan il-ħsieb jidher ċar f'dan il-kliem ta' San Pawl li qegħdin naqraw mill-ittra tiegħu lill-Galatin. Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara, jiġifieri, imwieled bniedem bħalna biex aħna fl-għaqda tagħna miegħu u permezz tiegħu nsiru wlied adottivi ta' Alla. **"Il-pjan li Alla għoġbu jfassal fih minn qabel kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet"** (Efes 1:9-10). Il-pjan etern ta' Alla ma setax jisfaxxa u jintemm fix-xejn. "Il-kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem" ( Is 40:8; 1Pt 1: 25).

Dan il-kliem ta' San Pawl fl-istess ħin ifissrilna wkoll x'kien il-ħsieb ta' Alla fil-pjan tiegħu li jibgħat 'l Ibnu



l-waħdieni f'din id-dinja tal-bnedmin u jsir bniedem bħalhom: biex ħuma wkoll isiru wlied Alla bħalu.

L-istess ħsieb ifissru l-Evanġelista San Ġwann: lil dawk li laqgħu l-Verb ta' Alla li sar bniedem **"tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla"** (Ġw 1:12).

Dan kollu jwassalna biex naħsbu x'kien il-ħsieb ta' Alla fid-digriet tal-Inkarnazzjoni jew, fi kliem ieħor, biex nistaqsu kif jagħmlu t-teoloġi, **"Għaliex Alla sar bniedem?"** San Anselmu ta' Cantebury baqa' jissemma għat-trattat famuż tiegħu, ***Cur Deus homo*** ("Għaliex Alla sar bniedem"), miktub fis-snin 1090ss.

Il-Kredu tagħna li ħareg mill-Konċilji ta' Niċea (325) u ta' Kostantinopli (381) kien diġà tana t-tweġiba, u aħna għadna nistqarruha sa llum: **"Għalina l-bnedmin u għas-salvazzjoni tagħna"**.



Din l-istqarrija fis-sens sħiħ tagħha ġejja mid-dati tar-rivelazzjoni li nsibuhom fil-kotba ispirati tat-Testment il-Ġdid. Biex nifmuha sewwa rridu nqegħduha fuq l-isfond tal-istorja tas-salvazzjoni kif inhi rrivelata fil- Bibbja. Kif diġà semmejna, il-Bibbja tgħarrafna li l-pjan ta' Alla għall-bniedem sa mill-bidu kien dak li jżommu jgħix miegħu fil-ħbiberija tiegħu. Hekk ħalaq il-bniedem biex jgħix miegħu f'daru, fl-hena tiegħu. Il-bniedem waqa' minn din id-dinjità għolja tiegħu. Imma Alla, ta' Missier li baqa' jħobbu, bagħatlu ħdejh lil Ibnu l-waħdieni, **"li hu fi ħdanu"** (Ġw 1:18), biex jerfgħu u jerġa' jqegħdu f'postu, fil-gieħ li fih kien maħluq sa mill-bidu.

## IR-RESTAWRAZZJONI TAL-BNIEDEM

Id-dnub ħassar u ħarbat l-ordni u l-armonija li Alla ried sa mill-bidu fil-ħolqien tiegħu. Imma l-pjan ta' Alla ma jistax jiġi fix-xejn lanqas bis-setgħa tad dnub. Il Bibbja tirrivelalna wkoll li Alla kellu l-pjan li jsewwi dak li tħassar bl-opra tax-xitan. U meta wasal iż-żmien stabbilit minnu, bagħat lil Ibnu fid dinja biex bih u fih issir ir restawrazzjoni tal-bniedem u tal-ħolqien tiegħu kollu,**"Hu għarrafna**



**l-misteru tar-rieda tiegħu, il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet, jiġifieri, li kollox jingħabar taħt Ras waħda, li hu Kristu, kull ma hu fis-sema u kull ma hu fl-art"** (Efes 1:9-10). **"Kien għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kull ma għamel ix-xitan"** (1Ġw 3:8).

Bid-dnub, il-bniedem waqa' mill-istat għoli tad-dinjità li fiha Alla ħalqu fil-bidu, **"Halqu skond Alla fil-gustizzja u l-qdusija tassew"** (Efes 4:24). Din kienet waqgħa tal-biża' li minnha l-bniedem minnu nnifsu ma setax iqum. Imma minnha qam għax Alla nnifsu qajmu bl-opra ta' Ibnu Ġesù Kristu.

**"Din hi r-raġuni għaliex il-Verb sar bniedem u Bin Alla sar Bin il-bniedem: biex il-bniedem isir bin Alla billi jixxierek mal-Verb u hekk jikseb il-filjazzjoni divina"** (Sant Irenew). •

"U l-pjan li Alla kien stabbilixxa għas-salvazzjoni tal-bniedem sa minn qabel iż-żmien kellu jseħħ fil-milja taż-żmien. U seħħ tassew bil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni."



# IL-KENJA HI GĦAQLIJA

## Il-Kenjan iħares lejn il-ħajja b'għajnejn differenti minn tagħna.

Illum xtaqt niġbor xi fatti li jservu ta' twieqi żgħar fuq l-imġiba normali tal-Kenjani:

**X'jagħmel jekk waqt l-ikel jiġu jarawh xi nies?**

- Dawk jekk ġabhom Alla, jew ġew għax bil-ġuħ: allura jmiddu idhom fl-istess platt, u kulma hemm jinqasam bejn kulħadd. Hadd mhu se jbati billi jċedi ftit imgħaref minn sehmu.

**X'tagħmel jekk tassew m'għandekx x'tiekol?**

- Tmur iżżur ħabib waqt l-ikel.

**X'tagħmel jekk fil-għodu ssib li l-ilma hu kiesaħ ħafna?**

- Tinħasel bih.

**X'tagħmel jekk qiegħed ġġorr piż tqil, kważi se jwaqqgħek?**

- Tibqa' sejjer bih, għax inkella ma tasal qatt. La hu u lanqas it-triq m'huma se jiqsaru.

**X'tagħmel jekk ma jkollokx ikel biżżejjed?**

- Taqsam il-ftit li għandek ma' wliedek kollha u tħalli f'idejn il-Mulej.

**X'tagħmel jekk kellek ħsad tajjeb?**

- Terfa' dak li hemm bżonn għal matul is-sena, tbiegħ xi ftit biex tħallas xi dejn, u tiekol kemm tixtieq qalbek. Wara xhur ta' karestija, jaslu wkoll xhur ta' xebgħa.

**X'tagħmel jekk qbadt ħalliel jisraq u tressqu quddiem l-anzjani?**

- Titlob li jwiddbuh li jrabbi l-għaqal u li ma jerġax jisraq.

**X'tagħmel jekk m'għandekx flus xi tpoġġi fis-satla?**

- Iddaħħal idek.

**X'tagħmel jekk għandek ħafna xogħol id-dar, fil-għalqa, fil-knisja u l-iskola jridu l-għajnuna tiegħek?**

- Tistinka kemm tista'... għax kollu hu xogħol tiegħek!

**X'tagħmel jekk xi nies tal-gvern jew skola jridu jużaw il-bankijiet tal-knisja x'imkien ieħor?**

- Tislifhomlhom, għax huma l-istess nies li se jużawhom.

**Jekk ikissruhom?**

- Isir ġbir u jsewwuhom. Imqar fil-knisja jinkisru!

**X'tagħmel jekk ma tgħaddix mill-eżami għall-iskola sekondarja?**

- Terġa' tagħmlu sena oħra, u sena oħra ... sakemm tgħaddi.

**X'tagħmel jekk m'għandekx flus biex tħallas il-miżata tal-iskola?**

- Jekk għandek għal term wieħed, tibda bih u tkompli tfittex għal term ieħor.

**X'tagħmel jekk imutlek tfel żgħir?**

- Tibkih, imma tiżżi ħajr 'l Alla li tah preferenza li jidħol il-ġenna qabel l-oħrajn, u bla tbatija żejda fid-dinja.

**X'tagħmel bi flusek jekk inti miżżewweġ u sibt impjieg tajjeb?**

- Tieħu l-piż tal-edukazzjoni ta' ħutek iżgħar minnek. Hi l-familja li edukatek.

**X'tagħmel jekk sirt armel u missierek, raġel xiħ, ma jridekx tiżżewweġ?**

- Ma tiżżewwigx qabel ma tikkonvinċih biex iħallik. Qatt m'għandek tiksirlu qalbu.

**Liema hi l-ħarsa li għaliha trid tbaxxi għajnejk imqar kekk inti raġel magħmul?**

- Il-ħarsa t'ommok, għax tafek bħala tarbija debboli u reddgħatek minn sidirha.

**X'tgħid jekk il-ħsad ikun inqas tas-sena l-oħra?**

- Tgħid li dan hu dak li Alla tak b'sehmek. Hadd ma jistaqsi 'l Alla: **"għaliex?"** •



# epifanija

## "il-kewkba kienet int"

Ersaqli Bambin ċkejken
Ħa' nidħol ħdejk nistrieħ.
Ma ġenbek fil-maxtura
Nilqgħalek ħafna riħ.

Hekk jagħmlu l-friegħ, jitgeddsu
Ħa' jsaħħnu lil xulxin
U jorqdu raqda twila
Jinsew li sari l-ħin.

Għaliex ġejt ġo maxtura
Fuq sodda mhux aħjar?
Kont torqod aktar sewwa
Fuq saqqu bit-tajjar.

Mank biss imħadda m'għandek
U qajla tista' ddur.
Kif int se tweġġa' dahrek,
Miskin kemm int magħdur.

Nixtieq li kieku n-nieqa
Li rqadt ġo fiha jien
Tawhielek flok maxtura,
Min jaf kemm tqum għajjien!

Nitħassrek, Bambin ċkejken,
Li kont hemm dakinhar
Kont ngħid lil tal-lukanda:
Mur orqod int ġo l-għar.

U lilek nagħtik kamra
Mill-isbaħ u mill-kbar
Bit-tfal imdawrin miegħek,
U mela baqra u ħmar!

Min jaf il-mamà tiegħek
Kemm inkwitat għalik
Iddur tfittixlek kamra
U ħadd ma jrid jagħtik.

Jekk trid ħu l-kamra tiegħi,
M'intix se ssib palazz.
Żgur togħġbok la nnaddafha
U nneħħi l-imbarazz.

Nurik il-logħob li għandi
Li naqla' fil-Milied.
Jekk trid nilagħbu logħba
M'għandix minn dawk tal-ġlied.

B'hekk tinsa għal ftit ir-regħxa
Tan-nies li tant ħabbejt,
Il-bard li kien itertrek
U l-kesħa li ħassejt.

Kemm fraħt kif rajt ir-ragħajja
Herqana deħlin ħdejk.
U llum qed tifraħ bija,
Qed nara minn ħaddejk.

Insieh, imqar għal issa,
Insieh kemm iċċekkint.
In-nies ma kinux jafu
Li l-kewkba kienet int.

Imm' aħna, Bambin, nafu,
Bħall-maġi li sabuk,
Li inti ġejt għax tħobbna
U aħna għax inħobbuk.

 Dr Chris Sciberras M.D., M.R.C.P.C.H (UK), M.Sc. Comm.Paed (Warwick), D.C.H (Dublin), Cert. Dev.Paed. (London), Paediatrician and Specialist in community child health



# L-IKEL U N-NUTRIZZJONI FL-IŻVILUPP TAT-TRABI U T-TFAL FID-DINJA TA' LLUM

It-tarbija wara t-twelid tiddependi minn ommha kompletament għall-ikel u nutrizzjoni biex tikber u tiżviluppa. Dan jieħu l-forma ta' ħalib, kemm tas-sider kif ukoll artifiċjali jew kif ngħidulu tal-"formula".

Il-vantaġġi tal-ħalib tas-sider huma kbar u diversi, bħal fatt li l-ħalib tas-sider huwa :

1. **b'xejn,**
2. **faċli biex tagħtih (bi ftit għajnuna u sapport mill-majjistri jew "breast feeding counselors",**
3. **m'hemmx bżonn tisterilizza fliexken,**
4. **iżżid il-"bonding" bejn l-omm u t-tarbija, kif ukoll il-kontenut ta' vitamini u proteini naturali fil-ħalib tas-sider inaqqas l-allerġiji u jżid l-immunità fit-tarbija biex din tikber f'saħħitha u b'hekk jonqos iċ-ċans li din timrad b'mard infettiv jew tiżviluppa xi allerġiji. Dan il-fatt joħroġ mill-kontenut ta' prebijitiċi (prebiotics) fil-ħalib tal-omm li jgħinu fil-produzzjoni ta' probijotiċi (probiotics) fis-sistema diġestiva tat-tarbija.**

Il-Probijotiċi huma sustanzi ta' bakterja ħajjin li jinsabu fil-ħalib tal-omm u li jgħaddu mill-omm għat-tarbija mill-ħalib stess. Dawn jidħlu fis-sistema diġestiva tat-tarbija u jagħtu benefiċċji kbar għas-saħħa tat-tarbija.

Huwa dan il-fenomenu ta' benefiċċju qawwi fis-saħħa tat-tarbija mill-preżenza ta' pre- u pro-bijotiċi fil-ħalib tal-omm li ġiegħel il-kumpaniji tal-ħalib artifiċjali jinvestu f'imitazzjoni ta' dawn is-sustanzi u jżiduhom fil-ħalibijiet tagħhom sabiex dawn jiġu jixbħu l-ħalib tal-omm kemm jista' jkun possibbli.



## SITT XHUR

Sakemm it-tarbija tagħlaq sitt xhur il-ħalib tal-omm jew tal-formula jipprovdi s- sustanzi kollha meħtieġa għall-iżvilupp tat-trabi.

F'dan l-istadu tal-ħajja, il-moħħ tat-tarbija jkun qed jiżviluppa b'rata mgħaġġla ħafna. Għalhekk wieħed mill-aktar minerali importanti għall-iżvilupp tal-moħħ huwa l-ħadid u nuqqas ta' ħadid fid-dieta tat-trabi jista' jagħti problemi fl-iżvilupp intelletwali tat-tarbija. It-trabi jitwieldu b'ċertu ammont ta' ħadid f'ġisimhom, iżda mas-sitt xahar dan jispiċċa u għalhekk il-ħadid ikollu jiġi pprovdut mill-ikel fid-dieta tat-tarbija. Dan il-ħadid insibuh l-aktar f'laħam aħmar bħal fwied u ċanga, frott u ċereali, kif ukoll fil-ħalib tal-formula li jkollu aktar ħadid fil-prodotti ta' wara s-sitt xhur. Min-naħa l-oħra ċertu ikel bil-vitamina "C" li tinsab fiċ-ċitru, ħaxix aħdar bħal brokkoli, piżelli u kaboċċi, jgħin biex il-ħadid jiġi assorbit aħjar mill-ġisem tat-tarbija.

## TMIN XHUR

Hawnhekk it-tarbija tibda timxi mbe u żżid l-attività tagħha u allura tinħela ħafna enerġija. Għalhekk hawnhekk neħtieġu ikel b'ħafna kaloriji għall-enerġija, bħal ngħidu aħna ħobż, ross, patata u ċereali.

## DISA' XHUR

Minħabba l fatt li f'dan l istadju ta' żvilupp, it tarbija tibda tesplora u titfa kollox f'ħalqha, id-dieta trid tkopri sustanzi li jibnu s-sistema immunitarja tat-tarbija. Dawn is-sustanzi jinsabu l-aktar fil-vitamini "C" fiċ-ċitru, fil-vitamina "E" fil-ħut, u fil-vitamina "A" li tinsab fil-fwied, fl-ispinaċi u fil-karrotti.



## GĦAXAR XHUR

Ta' għaxar xhur it-tarbija tibda taħseb għas-snien. Għalhekk id-dieta trid tinkludi ammont sostanzjali ta' calcium li jinsab fil-ħalib, ġobnijiet u yoghurts.

## TA' SENA

Madwar is-sena, it-tarbija tibda tikber ġmielha u tibda tiġġebbed mal-affarijiet, iżżomm mal-għamara u anki timxi xi żewġ passi. Għalhekk irridu ħafna sustanzi ta' calcium, phosphorus, magnesium u żingu għall-bini tal-muskoli u l-għadam tat-tfal.

Wara li tarbija tagħlaq is-sena, jibda l-iżvilupp tal-lingwa u t-tarbija tibda tgħid l-ewwel kliem tagħha u għalhekk jerġa' jidħol l-importanza tal-ħadid għall-iżvilupp intelletwali tat-tfal f'dan l-istadju ta' żvilupp tat-tarbija. Importanti wkoll għall-iżvilupp intelletwali tat-tfal, minbarra l-ħadid, huma ċerti xaħmijiet u żjut li l-ġisem ma' jagħmilx u allura jridu jittieħdu mid-dieta. Dawn jissejħu xaħmijiet essenzjali u jinsabu fiż-żjut tal-ħut u tal-ħxejjex, fil-ħalib tal-omm kif ukoll fil-ħalibijiet tal-formula.

Bejn il-15 u 18-il xahar, il-mixi jipprogressa sew u l-calcium u l-vitamina "D" li jinsabu fil-ġobnijiet, yoghurts, ħalibijiet, bajd u salamun u tuna tal-bott, huma essenzjali għall-għadam aktar b'saħħtu. Minħabba r-rata mgħaġġla tal-kobor tal-għadam it-tfal ta' taħt it-tliet snin, jistgħu jiġu neqsin mill-vitamina "D" għalkemm,f'pajjiżi sħan bħal Malta, ix-xemx tgħin ukoll biex tibni l-vitamina "D" fil-ġisem tat-tarbija.

Għalhekk hawn rajna kif l-ikel għandu sehem importanti immens fl iżvilupp kemm fiżiku kif ukoll mentali u intelletwali tat-tfal tagħna. •



Richard kien ilu xhur jipprepara ruħu għal pellegrinaġġ li kien beħsiebu jagħmel l-Italja. Kien diġà qata' l-biljett biex flimkien ma' grupp ta' żgħażagħ ta' mparu jżur, fost l-oħrajn, l-Aquila, Assisi, La Verna u Ruma.

X'ħin wasal l-ajruport ħassu ferħan se jtir. Il-ġurnata tant mistennija kienet waslet fl-aħħar. Malajr lemaħ lil tnejn minn sħabu, Joe u Rebecca, li kienu ħerqana aktar minnu, u ma waqfux ipaċpċu dwar dak li kien beħsiebhom jagħmlu malli jirfsu ġo l-Italja.

X'ħin waslu kien hemm coach tistennihom. Kienu sejrin jivvjaġġaw sal-Aquila biex hemmhekk jiġu mqassmin għand familji mil-lokal, li kienu se jospitawhom. Richard rikeb il-coach u poġġa bilqiegħda ħdejn Joe. Dan ma damx ma reġa' beda jparla dwar kemm kienet sabiħa l-Italja u kemm xtaq jagħmel tour ma' Ruma. Kien ġab miegħu kamera diġitali, u kollu kburi qagħad juriha lil Richard.

Richard iżda kien moħħu band'oħra. Kien ilu jaħseb ħafna dwar Rebecca. Kienet sentejn iżgħar minnu, u mhux l-ewwel darba li ħarġu fi grupp jew waħidhom fil-weekends. Issa l-ħbiberija ta' bejniethom kienet daħlet 'il ġewwa u xtaq kieku jitkellem ma' xi ħadd biex jiftaħ qalbu. Imma Joe kien mitluf ipaċpaċ fuq il-fotografija, għalhekk żamm kollox għalih u qagħad taparsi jisma'.

Ma damux ma waslu ġewwa l-Aquila, belt sabiħa fejn in-nies għadhom jgħixu stil ta' ħajja mhix mimsusa wisq mill-progress. Richard sab ruħu għand mara armla ta' madwar sittin sena, flimkien ma' Joe. Il-merħba kienet imżewqa bil-ħobż biż-żejt u l-luminata, imbagħad b'ġelat tradizzjonali Taljan.

Rosaria malajr tathom il-kamra fejn kellhom jorqdu dak il-lejl. Joe ma damx ma raqad, imma Richard ma setax jagħlaq għajn m'għajn. Kien qed jhewden u jaħseb dwar Rebecca. Kienet tfajla ideali, sabiħa minn barra kif ukoll minn ġewwa. Kellha karattru ferrieħi, tħobb tiċċajta u ġeneruża ma' kulħadd. Ftit tax-xhur ilu kienet ħarġet somma kbira ta' flus minn butha biex tixtri xi logħob għat-tfal orfni li jgħixu mas-sorijiet Ursolini. Imma fuq kollox, kienet tfajla sinċiera li taf fejn int magħha.

Richard xtaq kieku jkompli r-relazzjoni magħha, imma bħalissa kien beda jberren ħsieb ieħor f'moħħu. Ftit tax-xhur ilu kien iltaqa' ma' ħabib tiegħu, Stefan, li kien ħa jidħol postulant mal-patrijiet Franġiskani. L-ewwel reazzjoni ta' Richard kienet waħda ta' stagħġib. Kif ġuvni bħal dak, ma jonqsu xejn, bravu fl-iskola u popolari ma' sħabu, kellu jmur jingħalaq bejn erba' ħitan għal ħajtu kollha ? U kif se jgħaddi mingħajr mara u tfal ? U kif se jgħix mingħajr ħbieb ? Għal Richard, ħajja bħal din ma kinitx tagħmel sens.

# IS-SEJĦA





Lil Stefan ma kien qallu xejn, imma kien għamel żmien jaħseb waħdu dwar għażla bħal din. Fil-fond ta' qalbu beda jħoss li Stefan forsi għamel l-għażla t-tajba u kellu raġun f'dak kollu li kien se jagħmel.

Il-ġranet bdew igerrbu mhux ħażin. Waslet il-mawra f'La Verna. Kienet esperjenza unika. Iltaqgħu ma' żewġ patrijiet Franġiskani li tkellmu dwar kif skoprew il-vokazzjoni reliġjuża tagħhom. Imbagħad kien hemm madwar siegħa u nofs dedikata għat-talb u l-qari tal-Iskrittura. Is-silta li dwarha kellhom jimmeditaw kienet dik ta' Ġeremija, fejn jgħid: **"Qabel ma sawwartek fil-ġuf għaraftek, qabel ma ħriġt minn ħdan ommok qaddistek, profeta tal-ġnus għamiltek."**

Il-ħajja ta' San Franġisk Richard kien jafha sewwa. Meta kien iżgħar zijuh kien tah ktieb sabiħ miktub minn Tumas ta' Celano, u ma klenx qala' għajnejn minn fuqu sakemm lestieh kollu. Issa La Verna bir-relikwi kollha tagħha, bdiet issaħħru. Hemm seta' jara l-libsa fqajra ta' Franġisku kif ukoll l-għar fejn kien jitlob u jistrieħ. Il-kampanja tal-madwar imlietlu qalbu b'ferħ li ma setax jitfisser. F'dan il-post qaddis il-fqajjar t'Assisi kien irċieva l-pjagi mqaddsa.

Is-sejħa kienet ċara. Dak il-ħin Richard ħassu ċert minnu nnifsu u minn dak li ried jagħmel b'ħajtu. Ried jagħti ħajtu lil dak li ħabbu sa mill-eternità. Ried jaqdih f'ħutu, l-aktar dawk imwarrbin u

"Ma damux ma waslu ġewwa l-Aquila, belt sabiħa fejn in-nies għadhom jgħixu stil ta' ħajja mhix mimsusa wisq mill-progress. Richard sab ruħu għand mara armla ta' madwar sittin sena, flimkien ma' Joe. Il-merħba kienet imżewqa bil-ħobż biż-żejt u l-luminata, imbagħad b'ġelat tradizzjonali Taljan."

emarġinati mis-soċjetà. Kien ferħan se jtir għax fl-aħħar kien sab skop nobbli f'ħajtu. Niżel minn La Verna bniedem mibdul. Issa seta' jisma' l-ħolqien kollu jkanta t-tifħir lill-Ħallieq. Ħass qalbu tinfetaħ biex tesa' ġo fiha lil kull bniedem. Ħajtu issa kienet imdawla bid-dawl tal-fidi, imħeġġa bit-tama u mkebbsa bl-imħabba. •



# X'FAMILJA RRIDU? (II)

## IL-KOABITAZZJONI

Raġuni prinċipali għaliex il-koabitazzjoni qed tiżdied hija minħabba l-fatt li ħafna tfal ta' koppji divorzjati jixtiequ jipprovaw lil xulxin qabel jintrabtu biex ma jiġrilhomx bħal ġenituri tagħhom. Fl-istess ħin il-koabitazzjoni ma toffrix garanzija ta' stabbilità fir-relazzjoni ta' tnejn min-nies. Is-soċjetà moderna hija iktar libera, inqas rabta, inqas permanenza. Din it-tendenza tidher anki fl-impjiegi. Il-libertà fiż-żmien ta llum hija valur kbir. Il-bniedem qed jgħix iktar, u li tagħmel 60 sena mal-istess persuna b'fedeltà sħiħa f'rabta sal-mewt, tbezza lil ħafna. Forsi għalhekk jippreferu għaqda ċoff fil-koabitazzjoni. Jekk jingħata għarfien ġuridiku lil dawk li jikkoabitaw l-ulied ta' dik l-għaqda ikunu imħarsa mil-liġi u l-ġenituri jkollhom ċertu responsabbiltà u dmirijiet lejn uliedhom li jkunu jridu jħarsuhom quddiem l-istat.

Il-koppja li trid tiżżewweġ qed tagħżel li tittrasferixxi r-relazzjoni tagħha minn livell sentimentali għal livell soċjali billi tintrabat b'kuntratt soċjali. Għal min huwa Nisrani dan il-kuntratt jgħollih fuq livell akbar għal dak ta' Sagrament u quddiem Alla jwegħdu lil xulxin Imħabba u fedeltà sal-mewt. L-Isqof t'Għawdex f'diskors fil-konferenza **"Il-Futur tal-Familja"** fis-Sala Robert Samut, fil-15 ta' Mejju 2009, kien qal hekk dwar il-koppji li jikkoabitaw: **"Mentri dawk li jagħżlu li jikkoabitaw ma jħossux il-ħtieġa li jesprimu pubblikament ir-rieda tagħhom għax iridu li r-relazzjoni tagħhom tibqa' ħaġa privata. Din il-għażla għandha tiġi rrispettata wkoll sal-aħħar"**. B'daqshekk il-liġi ma tkunx tinkoraġġixxi l-koabitazzjoni kif hawn min jinterpreta din il-miżura, imma liġi ta' dan it-tip tkun intenzjonata biex tħares dan id-dritt soċjali tal-koppja u kif ukoll biex tħares id-drittijiet tat-tfal li wara kollox ma għandhom l-ebda tort ta' din is-sitwazzjoni li sabu ruħhom fija.

## ID-DINJA TA' MADWARNA

Illum il-mezzi ta' komunikazzjoni jwasslu dak li jiġri lill-bniedem wieħed lid-dinja kollha. Id-dinja saret qisa villaġġ wieħed. Għalhekk l-influwenza minn barra qiegħda dejjem tiżdied. Jekk il-familja f'Malta għadha ta' valur u f'saħħita dan huwa mertu tagħna. Imma t-tajjeb jeħtieġ li nieħdu ħsiebu għax jekk nafdaw iżżejjed, dak il-mard li jinfetta l-familji f'pajjiżi oħra, jinfetta faċilment l-familji tagħna wkoll.

Fl-ambjent ta' gżiritna l-funzjonijiet tal-familja huma partikulari, iżda fl-istess ħin mhumiex insulari. Il-familja Maltija moderna trid taqdi funzjonijiet ġodda u trid tkun ippreparata għal sfidi, stili ta' ħajja u valuri ġodda. Għalkemm ngħixu ġo gżira l-effett tat-tibdil li qed jiġri madwarna qiegħed jinħass ukoll. Għalhekk meta l-Knisja titkellem dwar xi periklu ma tkunx qed tmur 'il barra mill-kompetenza tagħha li tħares u tiddefendi l-liġi t'Alla għall-ħarsien tal-familja u taż-żwieġ.

Fl-istess ħin r-responsabbiltajiet tagħna lejn l-oħrajn illum qed jinbidlu anki f'pajjiżna stess minħabba l-fenomenu ġdid tal-immigranti irregolari li qed jaslu fostna.Għandna naraw il-bżonnijiet ta' dawn ħutna li jinsabu f'din is-sitwazzjoni diffiċli li wasslithom jaħarbu minn pajjiżhom. L-ebda ndividwu ma jista' jqis ruħu f'saħħtu, għani, intelliġenti jew hieni sakemm fid dinja jibqa' il- mard, il-faqar, l-injoranza jew in-nuqqas ta' libertà u demokrazija. Bħalma jiġri fil-ġisem ta' bniedem: meta ċellula waħda tal-organiżmu tagħna hija marida, il-ħajja bijoloġika tagħna hi fil-periklu. Hekk jibda l-kanċer. L-istess il-ġemgħa tal-bnedmin ta' kull kulur, nazzjon jew reliġjon hi familja waħda, imma l-mard soċjali u morali jista' jittieħed, jinfirex u jeqred.

Bħala nsara aħna mistennija nagħtu s-sehem tagħna skont it-tagħlim nisrani u bħala Maltin skont it-tradizzjonijiet u l-valuri tagħna. Għandna nkunu kburin li l-familja tagħna hija l-aqwa kapital u prodott li għandna. Hafna mhux biss jammiraw, imma anki jgħiru għar-rabta, l-għaqda u s-solidarjetà tal-familji taghna. Dan minkejja li nagħrfu l-bidla li għaddejja u d-diffikultajiet materjali, psikoloġiċi u soċjali li magħhom ħafna mill-familji tagħna jħabbtu wiċċhom.

Il-familja għandna nibqgħu nqisuha bħala skola tal-ħajja fejn il-miżżewġin fir-relazzjonijiet ta' bejniethom u ma' uliedhom jikbru, jgħixu u jitgħallmu l-valuri materjali u spiritwali tal-ħajja f'dinja li qed tinbidel. B'dan il-mod l-familja ssir risors u tiġġenera l-enerġija lill-familji oħra. Familja f'saħħitha, soċjetà f'saħħitha!

## X'JAGHMEL ŻWIEĠ STABBLI

Iż-żwieġ huwa proċess dinamiku bejn żewġ persuni kompletament differenti li jridu jiskopru lil xulxin u jkabbru l-personalità tagħhom billi jesperjenzaw mhux biss il-pjaċiri sesswali bejniethom, imma wkoll id-differenzi ta' bejniethom. Dan ikun possibbli jekk aħna nagħrfu nħobbu u nippromwovu l-familja bħala komunità ta' mħabba. Fl-istampa jagħmlu ħafna ħoss il-familji fi kriżi, iżda ħafna huma ż-żwiġijiet li huma stabbli. Żwieġ sod u stabbli jfisser kuntentezza/ sodisfazzjon personali, relazzjoni ta' rispett u imħabba lejn xulxin, u l-koppja taħdem għall-aħjar interess tal-ulied anki meta jkollu jissarraf f'ħafna tbatija u sagrifiċċji personali. •





# ŻVILUPP B'EDUKAZZJONI AĦJAR

Wieħed mill-proġetti li l-missjunarji Maltin qed imexxu fid-djoċesi ta' Garissa fil-Kenja, huwa **"TFAL FIL-BŻONN F'GARISSA"**. L-iskop ta' dan il-proġett hu li jgħin tfal u żgħażagħ li ġejjien minn familji foqra kemm f'dik li hija edukazzjoni, saħħa, u kif ukoll f'bosta għajnuniet oħra.

Il proġett jilħaq l-aktar l-irħula ta' Madogo u Mororo, li jinsabu madwar 7 kilometri bogħod mill-belt ta' Garissa. Dawn jinsabu sewwa sew bejn il Provinċja "North Eastern" u dik magħrufa bħala "Coast Province", matul ix-xmara Tana, l-itwal xmara fil-Kenja. Għalkemm din qatt ma tkun niexfa għal kollox, f'diversi staġuni l-livell tal-ilma jkun baxx ħafna barra li huwa dejjem maħmuġ, kollu ħamrija u jrid jiġi trattat sewwa biex ikun tajjeb li jintuża, ħaġa li n-nies tal-post m'għandhomx mezzi biex jagħmluh! F'dawn iż-żewġt irħula hemm jgħixu madwar 800 familja, fejn madwar 175 minnhom huma Kattoliċi u l-bqija Protestanti, Musulmani jew inkella jħaddnu twemmin tradizzjonali ieħor.

Ħafna minn dawn il-familji ġew joqogħdu f'Madogo u f'Mororo minħabba li fl-irħula fejn kienu jgħixu ma kienux jistgħu jaħdmu



mqar biċċa art u għalhekk ma kienx ikollhom almenu ftit prodotti mill-art x'jieklu. Dan l-aktar minħabba l-klima sħuna ħafna tad-deżert, l-art niexfa u xita ftit li xejn. Biex tagħqad anki l-art hi kważi kollha ramel u fejn hemm xi ħamrija, din hija ftit ħafna.

Minkejja dan kollu n-nies jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex jagħmlu użu tajjeb mill-ilma tax-xmara u sakemm hu possibbli jiżirgħu ftit ħxejjex tul ix-xmara. Dan iservihom kemm għall-għixien tagħhom kif ukoll biex jippruvaw ibiegħu fil-belt ta' Garissa l-ftit li jkollhom żejjed ħalli jkollhom ftit flus f'idejhom għall-ħtiġiet oħra tal-familja. Imma dan mhux dejjem jirnexxilhom jagħmluh għaliex jew il-prodotti li jkunu żergħu u waslu għall-qtugħ jiġu mittiekla mill-annimali jew inkella minħabba li meta tagħmel ħafna xita fin-naħa ta' fuq tal-Kenja, ix-xmara tfur u tħarbtilhom kollox. Mhux l-ewwel darba wkoll li l-ilma jibqa' dieħel fil-raħal u jkaxkar miegħu l-għerejjex fejn jgħixu in-nies. Dan ifisser li mhux biss jitilfu l-ftit affarijiet li jkollhom, iżda xi drabi jsofru wkoll imwiet kemm ta' nies kif ukoll tal-annimali.

Il-preżenza tal-Knisja u tal-missjunarji f'dawn iż-żewġt irħula hija għajnuna kbira għan-nies biex jgħixu ħajja ftit aħjar kif ukoll biex f'dawn l-aħħar snin dawn iż-żewġt irħula raw tibdil u anki żvilupp soċjali.



F'dawn l-inħawi l-missjunarji kienu strumentali biex iħaffru bjar tal-ilma għall-użu domestiku, flimkien ma' proġetti oħra sanitarji, saħħa u edukazzjoni. Kienu l-missjunarji wkoll li fi żmien ta' diżastri naturali bħal nixfa jew għargħar li jkunu min tal-ewwel jieħdu l-inzjattiva u joħolqu proġetti ta' emerġenza biex tingħata l-ewwel għajnuna lil min l-aktar ikun jeħtieġa.

F'dik li hija edukazzjoni ta' tfal u żgħażagħ, il-missjunarji qed jinvestu mill-aħjar li jistgħu. Aħna dejjem nemmnu li l-edukazzjoni/ Evanġelizzjoni hija





l-aħjar mezz biex niġġieldu l-faqar għax hekk in-nies jitgħallmu jgħixu ħajja aħjar. Minn xi snin 'l hawn, il-Gvern fil-Kenja għamel riformi oħra fil-liġi tal-edukazzjoni u jinsisti fuq l-edukazzjoni dejjem aktar obbligatorja. Għalhekk anki l-ġenituri qed jifhmu aktar il-valur li hemm fit-tagħlim għaliex jekk jibgħatu lil uliedhom l-iskola dawn jistgħu jgħixu ħajja aħjar minn tagħhom ukoll. Però il-piż fuq il-ġenituri biex jedukaw lil uliedhom huwa kbir. Dan minħabba li l-familji jridu jħallsu għal diversi faċilitajiet. U ħafna drabi mnejn iħallsu ma jkollhomx għax ħafna drabi il-missier ma jaħdimx jew jekk jaħdem, is-salarju huwa madwar €45 fix-xahar u dan żgur m'huwiex biżżejjed biex imantnu l-familja kollha.

Jekk il-familja jirnexxilha teduka tifel wieħed, biex jaslu għal dan iridu ħafna sagrifiċċji.

Meta aħna l-missjunarji messejna b'idejna din ir-realtà, iddeċidejna li nwaqqfu l-proġett **"TFAL FIL-BŻONN F'GARISSA"**. Minn meta dan il-proġett beda jitħaddem, bil-ġenerożità tal-benefatturi Maltin u Għawdxin, kienu diversi t-tfal u żgħażagħ li ġew mgħejjuna b'diversi modi.

Fil-preżent minn dan il-proġett qed jibbenefikaw:

- madwar 25 tifel u tifla fl-iskejjel primarji,
- 15-il student fl-iskejjel sekondarji u
- ftit żgħażagħ li qed ikomplu korsijiet fl-Universitajiet ta' Nairobi u f'Egerton, Nakuru.

Dawn qed jistudjaw f'korsijiet ta' Diploma ta' Għalliem, jew fl-Ekonomija, jew fl-Agricultural Engineering jew fit-Teknoloġija tal-Informatika. Hekk jiġu mħejjija biex huma stess għada pitgħada jkunu jistgħu mhux biss jaqilgħu għixien deċenti, imma jkunu "leaders" fil-komunitajiet tagħhom. Fil-fatt uħud li kienu mgħejjuna qabel u rnexxew, illum għandhom impjieg mhux ħażin, bnew il-familja tagħhom u huma stess, minn dak li jaqilgħu qed jgħinu lil xi ħadd ieħor fil-familja biex ikun jista' jirnexxi u jħares 'il quddiem b'aktar fiduċja.

Dan il-proġett jagħti każ ukoll ta' bżonnijiet oħra għat-tfal. Minħabba li fil-Kenja s-servizzi tas-saħħa huma dawk li huma, għalkemm f'dawk li huma sptarijiet pubbliċi sar ħafna progress, is-servizzi fl-isptarijiet huma kollha bil-ħlas. Wieħed jimmaġina mbagħad x'inhi l-qagħda fl-irħula mbegħda! Minħabba f'hekk, huma ħafna l-ommijiet li jiġu jitolbuna ngħinuhom biex jixtru l-mediċini li jkollhom bżonn għat-tfal tagħhom, jew inkella biex inħallsulhom għat-trattament mediku ta' wliedhom. Il-biċċa l-kbira tal-ommijiet ma jkunux jistgħu jħallsu, l-aktar meta t-tifel jew it-tifla jkollhom bżonn jidħlu l-isptar għal xi operazzjoni u allura l-kont jista' jitla' mhux ħażin.

Min dan il-proġett qed jibbenefikaw ukoll numru ta' tfal ta' taħt it-tmin snin u li jattendu fil-Kindergartens ta' Madogo u Mororo. Dawn jiġu mogħtija ikla kuljum li tkun tikkonsisti f'qamħirrun u fażola u anki ross u fejn ikun possibbli jingħataw ukoll pakkett ħalib kuljum.

Dan hu proġett li min meta beda jaħdem biddel il-ħajja ta' diversi nies. U dan kollu qed issir bil-għajnuna kollha tal-ħbieb u l-benefatturi Maltin u Għawdxin qarrejja ta' din ir-rivista. Ta' dan, kemm aħna l-missjunarji kif ukoll dawk it-tfal u żgħażagħ u l-familji li qed jirċievu l-għajnuna permezz tal-proġett **"TFAL FIL-BŻONN F'GARISSA"**, ikoll grati tas sagrifiċċji u l-offerti li intom tagħmlu. Hekk ilkoll flimkien inkunu verament xhieda konkreta tal-Evanġelju kemm ma' dawk li huma Kattoliċi kif ukoll ma' dawk li għad ma jafux bi Kristu jew xi drabi anqas b'Alla. •





# IL-PIENA KAPITALI IN-NISRANI JISTA' JAQBEL MAGĦHA?

Għajn għal għajn. Sinna għal sinna. U jekk irridu nkunu onesti magħna nfusna, nistgħu ngħidu illi qatt u qatt ma ħassejna lil din l-emozzjoni qawwija ta' vendetta tberren ġo fina wara li xi ħadd ikun għamlilna xi azzjoni ħażina? U għal dawk il-bnedmin li kellhom jgħaddu mill-martirju tat-telfa ta' sieħeb, sieħba, tifel jew tifla permezz ta' qtil, kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi, min jaf x'tipi ta' ħsibijiet għaddew minn moħħhom.

Apparti l-qtil volontarju, f'pajjiżi fejn l-piena kapitali m'għadhiex aktar, hawn min jaqbel li l-piena tal-mewt għandha tapplika wkoll għal ċerti reati oxxeni, bħalma ngħidu aħna stupru vjolenti... u speċjalment fejn il-vittmi jkunu tfal.

## KONTRA U FAVUR

Hawn ħafna wkoll, speċjalment dawk l-irġiel u n-nisa minn kull rokna tad-dinja imsieħba f'organizzazzjoni li tiġġieled għad-drittijiet tal-bniedem Amnesty International li jġibu dawn ir-raġunijiet prinċipali biex isostnu l-argument tagħhom kontra l-piena kapitali:

- Il-ħajja hi sagrosanta – anki l-ħajja tal-iktar qattiel kiefer.
- Meta joqtol qattiel, l-Istat mhu qed jagħmel xejn ħlief jinżel għall-istess livell ta' min wettaq id-delitt.
- Il-piena kapitali ma tagħtix ġustizzja, imma hija biss att ta' vendetta.
- Nies innoċenti kienu, għadhom u jibqgħu jingħataw il-mewt.
- Fl-aħħar mill-aħħar, l-eliminazzjoni tal-qattiel mis-soċjetá mhix se ġġib lura l-vittma, wisq inqas il-faraġ għall-egħżież tagħha.

Kliem nisrani tassew - imma ta' min jgħid hawnhekk li Amnesty International hi organizzazzjoni sekulari u allura l-membri tagħha jistgħu jħaddnu diversi twemminiet jew inkella l-ebda waħda.

Min-naħa l-oħra, tnejn huma dawk l-argumenti b'saħħithom imħaddna minn dawk favur:

- Meta Qorti tal-Ġustizzja taqtagħhielu għall-mewt, tkun qed tagħti garanzija li l-perċimes mhu se jkollu qatt iktar l-opportunitá biex iwettaq l-istess delitt.
- Il-piena tal-mewt isservi bħala deterrent.

M'għandniex xi ngħidu: biex tipproteġi s-soċjetá, tista' faċilment tibgħat lil dak li jkun għal għomru l-ħabs – fejn għomor ifisser għomor, letteralment. Dwar it-tieni wieħed, fil-ftit pajjiżi fejn għad hemm il-piena kapitali, bħall-Istati Uniti, in-nies xorta għadhom joqtlu lil xulxin.

## IL-PSIKOLOGIJA U L-MAĦFRA

Forsi nasal biex naħfer xi nsult jew lil min seraqli l-petrol mill-karozza. Imma min qattilli l-mimmi t'għajnejja!? Kif jista' jkun? Impossibbli! Hemm iktar minn każ wieħed dokumentat, però fejn bnedmin tad-demm u l-laħam għamlu proprju hekk. Per eżempju, xi tletin sena ilu, l-Armata Repubblikana Irlandiża (IRA) kienet splodiet bomba f'post tax-xorb ("pub") ġewwa l-Ingilterra. Fost il-vittmi kien hemm mara żagħżugħa li ġarrbet ġrieħi fatali. Xi ftit xhur wara, l-gazzetti Ingliżi taw prominenza lill-missier ta' din il-mara li ltaqa' mat-tmexxija tal-IRA fejn stqarr li ħafer lil min kien qatillu t-tifla u ħeġġiġhom biex ifittxu d-djalogu mal-Gvern Ingliż. Zied ukoll li t-triq tal-vjolenza hija waħda żbaljata għall-aħħar. Min jaf? Forsi fakkarhom ukoll fl-eżempju ta' Martin Luther King u Mahatma Ghandi. Tajjeb li ngħidu wkoll li ċerta riċerka fil-qasam tal-psikoloġija wriet li meta bniedem jasal eventwalment biex jaħfer, isib is-serħan u l-paċi tal-moħħ. Għax ma jkunx iktar vittma (għat-tieni darba!) ta' ħsibijiet negattivi li jaslu biex jifnuk minn ġewwa, li ma jħallukx tgħix il-ħajja fil-milja tagħha.

Issa aħna lkoll nafu x'kien jaħseb Ġesù Kristu!

*Fejn hemm*
*il-mibegħda, ħallini nxerred il-maħfra,*
*il-qtigħ il-qalb, ħallini nqawwi t-tama,*
*id-dlam, ħallini nxerred id-dawl,*
*in-niket, ħallini nxerred il-ferħ.* •





# ALLA GĦAMILNA WLIEDU (2)

## L-AWTORITÀ TA' WLIED ALLA

Ġesù wera li kien Bin Missieru għax kellu u uża l-awtorità li rċieva mingħandu. Il-Missier, fuq l-Għolja Tabor, ordna lid-dixxipli **"Dan hu Ibni l-għażiż ... isimgħu minnu"** (Mt 17:5).

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: **"Araw, tajtkom is-setgħa li tirfsu fuq sriep u skorpjuni u li tegħlbu kull qawwa tal-għadu ..."** (Lq 10:19). Din hi l-awtorità li Ġesù qasam mad-dixxipli u wara li rxoxta tahom setgħa ikbar: "**Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom ... dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma"** (Ġw 20:21-23). Bħal Ġesù, aħna rċevejna l-awtorità ta' wlied Alla.

B'din l-awtorità aħna qed nirrappreżentaw lill-Missier Etern. **"Min ra lili ra lill-Missier"** qal Ġesù. U aħna nistgħu ngħidu l-istess ħaġa? Aħna rċevejna l-istess Spirtu ta' Ġesù u għandna l-istess missjoni tiegħu. Min jara lilna għandu jara lil Missierna tas-sema.

## IL-WIRT TAL-ULIED

**"U hekk mintix iżjed ilsir, iżda iben; u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla"** (Gal 4:7).

### IL-WIRT ETERN

Ovvjament, meta l-Kelma t'Alla tiddikjara li aħna għax ulied aħna werrieta ta' Alla, din il-verità jaqblilna nifhmuha sew. L-ikbar wirt hu merfugħ għalina fis-sema fejn il-barkiet kollha tal-preżenza t'Alla jkunu tagħna bla tfixkil kif jgħidilna San Pietru: **"Fil-ħniena kbira tiegħu (Alla) wellidna mill-ġdid għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet u għal wirt, li la jitħassar, la jittebba', u lanqas jinxef. Dan il-wirt hu merfugħ għalikom fis-sema għax intom tinsabu taħt il-ħarsien tal-qawwa ta' Alla bil-fidi tagħkom fis-salvazzjoni**

**li lesta biex tidher fl-aħħar taż-żminijiet"** (1Pt 1:3-5). Dan huwa l-aqwa wirt u m'għandna nħallu xejn itellifna milli niksbuh. Din hi l-aħbar it-tajba li għaliha l-Iben ta' Alla ġie fostna, ħa l-mewt u qam biex jippreparalna għamara għal dejjem ma' Alla.

## IR-RAHAN: L-ISPIRTU S-SANTU

Bħala rahan, garanzija li dan se jseħħ, Alla tana xi ħaġa speċjali ħafna: L-ISPIRTU S-SANTU! **"F'Ġesù intom ukoll, smajtu l-Kelma tal-Verità, l-Evanġelju tas-salvazzjoni tagħkom, u emmintu fiha. Kontu ssiġillati bl-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed; li hu r-rahan tal-wirt tagħna sakemm għadna nistennew il-fidwa sħiħa ..."** (Ef 1:13-14).

Il-kelma 'rahan' bil-Grieg hi 'arrabon'. Din għandha żewġ tifsiriet li tajjeb nifhmuhom sew biex napprezzaw iktar dak li daħal għalih Alla meta tana l-Ispirtu tiegħu.

1 L-ewwel tifsira hi 'depożitu' jew 'kapparra'. Ilkoll nafu li meta wieħed ipoġġi €1,000 bħala depożitu biex jixtri karozza u jiffirma l-kuntratt, dan jaf li qed jintrabat li jħallas il-bqija inkella jista' jitlef kemm il-karozza u kemm id-depożitu. Mela, Alla tana l-Ispirtu bħala depożitu li bih Hu ntrabat li jagħtina l-bqija tal-wirt. L-Ispirtu s-Santu hu Alla nnifsu. Hu l-qawwa t'Alla, l-Għerf t'Alla, l-Imħabba t'Alla. Dan hu d-depożitu li Alla poġġa.

2 It-tieni tifsira hi 'kampjun' jew 'hors d'oeuvres'. Dan ifisser li l-Ispirtu s-Santu jdewwaqna l-qawwa tal-barkiet tas-sema minn issa. Din hi verità importanti ħafna. Hafna nsara llum huma priża għax-xitan għax ħallewh inissihom din il-verità, ħallewh iqarraq bihom meta sejjaħ lir-reliġjon l-oppju, aljenazzjoni, utopija, ħolma sabiħa, ħarba mir-realtà u huma belawha. L-Ispirtu s-Santu jimmanifesta l-qawwa, l-imħabba, il-ħajja ta' Alla f'min jemmen fih u jħallih imexxih bil-libertà.

## WIRT LI NAFU X'INHU

**"Kull ma tagħmlu, agħmluh minn qalbkom bħallikieku lill-Mulej u mhux lill-bnedmin għax tafu li għad tieħdu l-ħlas li ħejja il-Mulej b'wirt għalikom"** (Kol 3:23-24). Dan il-wirt mhux sigriet; aħna suppost nafu x'inhu u ngħaddu dan it-tagħrif lil xulxin u lil uliedna. Il-fatt li aħna werrieta ta' Alla għandu jagħmel differenza f'ħajjitna. Ħa nieħdu eżempju. Li l-Fidwa u l-ħajja eterna huma parti integrali mill-wirt tagħna għandhom ibiddlu l-mod ta' kif naħsbu, ngħixu, naħdmu, nagħżlu. Il-fatt li huma msejħa wirt ifisser li huma tagħna u l-Ispirtu hu l-garanzija ta' dan. Dan il-wirt hu parti mit-tama tagħna li twarrab kull dwejjaq u niket meta nkunu mġarrbin. In-nisrani m'għandu qatt jaqa' taħt depression meta jaf x'wirt hemm lest għalih. Ġesù jgħidilna: **"Fittxu mela s-Saltna t'Alla u magħha mbagħad iżidilkom dawn (il-ħtiġijiet materjali) ukoll. Le, merħla ċkejkna, tibżgħu xejn għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-Saltna!"** (Lq 12:31-32). Filwaqt li nfittxuha għandna ċ-ċertezza li diġà rċevejniha! Alla Missierna għandu pjaċir, jieħu gost jagħtihilna. Dik konsolazzjoni! Dak ferħ! Aħna jiġrilna ta' spiss li tant moħħna biex naħdmu għal Alla li ninsew realtà importanti ħafna dwarna: aħna wlied Alla u werrieta tiegħu ma' Ġesù. Araw kif spjega dan Ġesù fil-parabbola tal-Missier ħali: **"Ibni – qal il-missier tal-istorja lil ibnu l-kbir – inti dejjem miegħi, u kull ma hu tiegħi huwa tiegħek"** (Lq 15:31).

## WIRT LI FIH IL-MORR

Kultant nevitaw element mill-wirt għax mhux gradevoli: il-persekuzzjonijiet! Ġesù qal: **"Tassew ngħidilkom li fost dawk kollha li minħabba fija u l-Bxara t-Tajba jħallu lil darhom jew lil ħuthom jew lil ommhom jew lil missierhom jew lil uliedhom jew l-għelieqi tagħhom, ma hemm ħadd fosthom li minn issa, f'din id-dinja stess, ma jirċevix, għal mitt darba iktar, djar u aħwa u ommijiet u wlied u għelieqi flimkien ma' persekuzzjonijiet, u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej"** (Mk 10:29-30).

Il-persekuzzjonijiet jieħdu suriet differenti. Min hu persegwitat fuq ix-xogħol, fid-dar, mill-ġirien, f'ruħu għandu jifraħ għax qed ibati ma' Ġesù Kristu u għalih. Din hi parti mill-wirt f'din il-ħajja. Ma naħarbux il-persekuzzjoni f'isem Ġesù; ma nistħux minnha; ma ngergrux għax qed inbatu tgħajjir, offiżi jew inġustizzji minħabba li nħobbu lil Ġesù. Naċċettaw is-Salib tagħna u nimxu wara Ġesù il-Mulej, il-Vittma tal-imħabba li salvatna. "**Biex miegħu inkunu gglorifikati, aħna nbatu miegħu"**. Hekk tgħid il-Kelma t'Alla meta ssejħilna **"werrieta ma' Kristu"** (Rm 8:17).

## ULIED ALLA TASSEW

**"Fl-imħabba hu ddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu, skond ma' għoġob lir-rieda tiegħu"** (Ef 1:5).

**"Araw b'liema għożża ħabbna l-Missier: nistgħu nissejħu wlied Alla, u tassew aħna"** (1Ġw 3:1).

Aħna nuru li aħna wlied Alla tassew meta nemmnu bis-sod f'dawn il-veritajiet fuqna stess li għadna kemm irriflettejna fuqhom. Xi konsegwenzi oħra huma:

- il-ħakma spiritwali tad-dnub fuqna hi maħlula u miksura;
- id-dominju tax-xitan spiċċa;
- il-qawwa tal-mewt hi mirbuħa.

Wara li għidna dan kollu, min se jikkonvinċina totalment: **"Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: ABBA! MISSIER! Dan l-Ispirtu jixhed flimkien mal-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla"** (Rm 8:15-16). •



# INWIEĠBU GĦAS-SEJĦA TA' ALLA

"Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skont il-providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom. Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbiha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa" (Rum 8:28-29).

Aħna msejħin biex ngħixu bħala aħwa ta' Ġesù u li nħossu li aħna wlied l-istess Missier. Alla għandu pjan għal kull wieħed u waħda minnha. Min-naħa tagħna rridu niskporu x'inhi r-rieda ta' Alla fil-ħajja tagħna sabiex inwettqu b'mod sħiħ il-pjan ta' Alla li ħejja għalina. Iżda kemm-il darba nħossu li m'għandna bżonn ħadd, tant li ningħalqu għall-pjan ta' Alla għalina?

Biex inwieġbu għas-sejħa ta' Alla u naqbdu t-triq, mhemmx għalfejn li nkunu diġà perfetti. Aħna nafu li malli sar jaf li dineb, l-iben il-ħali qabad it-triq lura u b'hekk ħass il-ferħ tar-rikonċiljazzjoni tiegħu mal-Missier. Id-dgħufijiet u l-limiti umani ma humiex tfixkil, anzi jservu biex aħna nagħrfu l-fatt li għandna bżonn il-grazzja ta' Kristu li ssalvana. Din hija l-esperjenza li għadda minnha San Pawl meta jistqarr magħna, **"Niftaħar minn qalbi l-aktar bid-dgħjufija tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija"** (2 Kor 12:9).

- Kemm jien qed nagħti spazzju lil Kristu f'ħajti?
- Kemm qed nagħti widen għall-kelma tiegħu?
- Kemm niftaħ qalbi għalih?
- Kemm lest li nissogra għall-imħabba ta' Kristu?
- Kemm jien lest li nagħti kollox biex nikseb lil Kristu?

Dawn il-mistoqsijiet u oħrajn tista' twieġibhom u twettaqhom skont kemm għandek relazzjoni qawwija ma' Kristu.

Fuq ix-xtajta tal-baħar tal-Galilija, ħafna ħallew lilhom infushom jiġu mirbuħa minn Ġesù: kienu qegħdin ifittxu l-fejqan tal-ġisem u tal-ispirtu u messithom l-qawwa tal-grazzja tiegħu. Nies oħra kienu magħżula minnu personalment u saru l-appostli tiegħu. Insibu wkoll persuni, bħal Marija Maddalena u nisa oħra li mxew warajh minn rgħajjhom, sempliċement għax kienu jħobbuh, imma bħad-dixxiplu Ġwanni, huma wkoll sabu post speċjali f'qalbu.

Ħafna rġiel u nisa kkonsagraw ruħhom biex jimxu bis-sħiħ wara Ġesù u warajh biss. Din hi għażla fundamentali għal dawk li jaċċettaw is-sejħa: li Ġesù jkun kollox għalihom. Ma tistax tilqa' s-sejħa u ġġib ħafna kompromessi. Ma tistax tibqa' sieq 'l hawn u sieq 'l hemm. Ma tistax biex tinogħġob man-nies tmur għal dak li d-dinja timbubardjana bih. L-għażla hija waħda: Kristu.

Permezz tal-iva tagħna għas-sejħa tal-vokazzjoni aħna rridu nagħtu xhieda ta' Ġesù. Irridu nkunu medjaturi bejn Alla u l-bniedem. Irridu nkunu strumenti f'idejn Alla sabiex jużana bħala ħabbara tal-bxara t-tajba. Irridu jkollna rieda soda li mmorru kontra l-kurrent. Ma ninsewx il-kliem ta' Ġesù li min jistħi jistqarrni quddiem il-bnedmin jien nistħi nistqarru quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Din hi l-missjoni għal dawk li huma msejħin bħala reliġjużi u saċerdoti li jkunu dawl li juru t-triq lil bniedem għal għand Alla. •



# L-Eżorċiżmu (3)

Nistgħu ngħidu li l-eżorċiżmu jieħu żewġ forom. Waħda hija msejħa **"forma invokattiva"** u l-oħra **"forma imperattiva"** (ara: Rit tal-eżorċiżmi u talb f'ċirkustanzi partikulari. Nru 61. 81. 83). Waqt l-eżorċiżmu invokattiv aħna nagħmlu talb indirizzat lil Alla biex hu jintervieni bil-qawwa tiegħu għall-ħelsien sħiħ tal-persuna. Iżda fl-eżorċiżmu imperattiv is-saċerdot jidħol f'konfront dirett max-xitan u jikkmanda lix-xitan f'isem Ġesù Kristu biex jitlaq 'il bogħod mill-persuna li jkun qiegħed jippossiedi jew li jieqaf milli jfixkel lill-persuna billi jġiegħel lill-persuna tħoss il-preżenza tiegħu f'xi post, dar jew f'xi oġġett ieħor.

L-eżorċiżmu fil-forma imperattiva huwa awtoritattiv, jiġifieri, huwa forma ta' kmand u mhux ta' talba. Ix-xitan juri li jħoss il-qawwa kollha ta' dan il-kmand. Fil-fatt, quddiem dan il-kmand, ix-xitan la jista' jinħeba u anqas jirribella. Anki jekk l-eżorċista ma jkollux l-effett li jkun stenna meta juża' dan l-eżorċiżmu, iżda l-eżorċiżmu imperattiv iservi biex inaqqas dejjem iżjed l-ispazju u l-libertà ta' azzjoni tax-xitan.

Skond in-normi tar-rit il-ġdid, l-eżorċiżmu fil-forma imperattiva jista' jiġi wżat biss f'każijiet li fihom hemm ċertezza li l-persuna hija vittma ta' possessjoni: ***"L-eżorċista ma jiċċelebrax l-eżorċiżmu fil-forma imperattiva jekk mhuwiex moralment ċert li l-persuna li se tiġi eżorċizzata hija verament posseduta mix-xitan"*** *(De exorcismis et suplicationibus quibusdam, Praenotanda n.16)*.

Fid-dawl ta' din in-norma nistgħu ngħidu li l-eżorċiżmu fil-forma imperattiva jista' jiġi użat biss meta jkun hemm ċertezza li l-persuna hija vittma ta' possessjoni. Iżda l-forma invokattiva tista' tiġi utilizzata anki jekk ma jkunx hemm iċ-ċertezza li l-persuna li l-eżorċista jkollu quddiemu hija vittma ta' possessjoni. F'dan il-każ, l-eżorċiżmu għandu mhux biss l-iskop li jeħles lill-vittma mill-possessjoni, imma wkoll li jesplora jew jagħmel dijanjosi minħabba li xi kultant, il-possessjoni toħroġ fil-beraħ biss waqt ir-rit tal-eżorċiżmu stess. Huma diversi l-każijiet li fihom is-sintomi li wieħed jista' josserva fil-vittma matul ir-ripetizzjoni tat-talba ta' liberazzjoni, ikunu l-analiżi finali biex tiddixxerni jekk hemmx bżonn li l-persuna tiġi sottomessa għall-eżorċiżmi. Iżda huwa veru wkoll li f'ċerti każijiet huwa biss waqt it-talba tal-eżorċiżmu li tinduna jekk ċerti reazzjonijiet fil-persuna għandhomx oriġini diabolika jew le. Dwar dan, Patri Gabrijel Amorth kiteb f'wieħed mill-kotba tiegħu: ***"Jista' jkun hemm manifestazzjonijiet li quddiemhom nibqgħu xi ftit perplessi. Dan minħabba l-fatt li xi kultant ikollna quddiemna persuni li għandhom, kontemporanjament, ħsara psikoloġika u ħsara spiritwali. Meta dan jiġi verifikat, il-persuna trid tiġi sottomessa, kemm għall-għajnuna professjonali ta' psikjatra u anki għall-għajnuna spiritwali permezz tal-Eżorċista. Huwa propju minħabba dan ir-rwol dianjostiku li jiena nuża t-talba tal-eżorċiżmu b'mod frekwenti u qatt ma ddispjaċieni: biżżejjed għalija li jkolli suspetti sufficjenti biex nagħmel dan. Fil-maġġoranza tal-każijiet, eżorċiżmu wieħed kien biżżejjed biex neskludi l-possibbiltà li l-persuna hija posseduta mix-xitan. Għalhekk l-esperjenza tal-eżorċista tiswa' ħafna. Jekk l-eżorċista għandu ħafna esperjenza, allura jkun aktar kapaċi jidentifika liema sintomi huma sinifikattivi u liema mhumiex. Però irid iżomm f'moħħu li x-xitan se jagħmel minn kollox biex ma jikxifx lilu nnifsu u l-preżenza tiegħu. Irridu niftakru li jekk il-psikjatra, meta jagħti l-mediċini, jiżbalja, huwa jikkawża ħsara fil-persuna marida, iżda jekk aħna bħala eżorċisti nitolbu fuq il-persuna, dan ir-riskju ma jeżistix."*** •



# FL-AĦĦAR WASLET!

Fl-aħħar waslet il-liġi l-ġdida dwar il-kirjiet antiki. Minn Jannar 2010 jiġi fis-seħħ l-att li jemenda l-liġi tal-kera. Id-domanda li tqum hija dwar jekk l-emendi li se jidħlu fis-seħħ humiex dawk li ħafna kien qed jistennew. Minn naħa tiegħi, f'sensiela ta' artikli dwar dan is-suġġett, se napprezza mill-viċin din il-liġi l-ġdida li kienet ilha mistennija bħall-ewwel xita wara sajf twil, sħun u niexef.

F'artikli preċidenti jien għamiltha ċara li, f'għieħ il-ġustizzja, klen mistenni li din il-liġi, li tant kienet ġabet sens ta' ġustizzja u tqassim aħjar tal-ġid, kienet illum skop ta' inġustizzja lill-kategorija oħra ta' nies li ġew pprivati minn ħwejjiġhom għal diversi snin u dan kontra kumpens jew kirja baxxa fis-sena. Għalkemm jien wieħed minn dawk li niġġustifika l-liġijiet speċjali tal-kera, f'sens storiku, inħoss li llum din il-liġi kienet raġuni ta' nġustizzja. L-inġustizzja mal-kerrej jew inġustizza ma' sid il-proprietà hija l-istess, inġustizzja li trid tiġi rettifikata.

L-ewwel tibdil sostanzjali huwa li l-liġi l-ġdida ġabet magħha emendi fejn jirrigwardja l-kuntratt ta' kera u l-forma tiegħu. Sa llum il-forma tal-kuntratt ta' kera kien wieħed kważi liberu. Fis-sens li l-liġi, kif kienet minn dejjem, kienet tirrikonoxxi l-eżistenza ta' kuntratt anki jekk dan ikun bil-fomm. Iva bil-fomm! Mhux kull kuntratt, skond il-liġi, huwa meħtieġ bil-miktub. Jekk tnejn minn nies jiftehmu



verbalment fuq kirja din kienet valida daqs li kieku kienet bil-miktub. Naturalment kien hemm ċerti rekwiżiti li dawn riedu jiġu stabbiliti biex dan il-kuntratt ikun ifformat, però l-formalità tal-kitba ma kinitx rekwiżit essenzjali għal ċerti kirjiet (kien hemm kirjiet oħrajn li l-liġi speċifikament riedet li jkunu bil-kitba)

Din kienet, f'diversi każi twassal għal ħafna kwistjonijiet u dubji dwar l-eżistenza ta' kirja jew dwar kundizzjonijiet tal-kirja. Ħafna kontroversji legali li kienu jistgħu jiġu abbużati minn min ikollu nteress jaħbi l-verità tal-eżistenza ta' ftehim. Dan kollu llum se jispiċċa billi l-emendi l-ġodda issa jirrikjiedu li l-kuntratt ta' kera biex ikun validu jrid ikun bil-mikub. Minn Jannar 2010 kirja li ma tkunx saret bil-kitba din se tkun ikkonsidrata bħala nulla u bla effett. Din hija revoluzzjonarja. Dan billi l-kuntratt ta' kirja kien ilu stabbilit fis-sistema legali u ċivili tagħna għal ħafna snin u l-forma tiegħu kienet dejjem baqgħet l-istess. Li allura llum ikollok emendi li ma jiddejqu xejn li jfarfru t-trab tal-passat, jbidlu dak li kien ilu kkakmat fl-antikità (basta li kien hemm bżonn għal dan it-tibdil), hija raġuni li tapplawdi din il-liġi.

Din hija waħda mill-ewwel domandi li meta tkun student ġdid tal-liġi tipprova tifhem: x'inhi r-raġuni li l-kuntratt miktub mhux rikjest mil-liġi. Spjegazzjoni waħda għal dan hija, li meta jkun hemm kuntratt, bħal dak tal-kirja, li l-liġi trid tagħmlu daqshekk popolari u mexxej man-nies, il-fatt li hemm rikjest li l-forma bil-kitba tista' tkun ta' ostakolu għan-nies, speċjalment fi żmien meta ħafna minn nies kienu illitterati. Illum il-ġurnata problema ta' llitteriżmu naqsat ħafna u b'hekk il-liġi llum taġġornat ruħha mar-realtà tan-nies.

Fl-artiklu li jmiss inkompli bl-apprezzament tiegħi dwar l-emendi tal-liġi tal-kera. •

> "Minn Jannar 2010 kirja li ma tkunx saret bil-kitba din se tkun ikkonsidrata bħala nulla u bla effett. Din hija revoluzzjonarja. Dan billi l-kuntratt ta' kirja kien ilu stabbilit fis-sistema legali u ċivili tagħna għal ħafna snin u l-forma tiegħu kienet dejjem baqgħet l-istess."



# Baqa' Tifkira

Żmien ilu kont qed inqalleb ġo kexxun u bla ħsieb tfaċċa ktieb ċkejken tat-talb. Dan għandu qoxra sewda, iżda l-paġni, fuq barra huma miżbugħa ħomor. Ħsiebi tar u ftakart li dak il-ktejjeb kont ta' sikwiet narah f'idejn ommi, iżda minn mindu mietet ġie f'idejja. Naħseb li bil-kemm ftaħtu tliet darbiet! Hu miktub bit-Taljan u għandu tipi pjuttost grassi għaċ-ċokon tiegħu. Fl-ewwel paġna, fejn ikun hemm l-isem hemm kitba bil-linka li minħabba li għaddew bosta snin tfiet kemmxejn lewnha, iżda baqat tinqara tajjeb.



Il-ktejjeb kien rigal tal-Kontessa ta' Lepinot. Meta kont għadni tifel u l-istess ktieb kien ġie f'idejja, jien, li dejjem kont kurjus kont spiss saqsejt lil ommi minn kienet din in-nobbli Sinjura. Niftakar, qisu l-bieraħ, l-għażiża ommi bis-sabar kollu bdiet tgħidli l-ġrajja kollha: *"Kont għadni daqxejn ta' tfajla li bil-kemm kont għalaqt l-erbatax-il sena. Dik il-ħabta kont immur għand is-sorijiet biex nitgħallem ir-rakkmu. Konna nkunu anqas minn għaxar xbejbiet u ġmiel ta' xogħol kien joħroġ minn idejna.*

*Ix-xogħol lest kien jibqa' għand is-sorijiet u dawn aktar tard ibiegħuh. Lilna kienu jtuna xi ħaġa fil-ġimgħa, iżda ma konniex immorru biex nitħallsu, iżda biex nitgħallmu. Mar-rakkmu konna wkoll nitgħallmu l-bizzilla taċ-ċombini; kif ukoll ftit skola, l-aktar it-Taljan. Xejn profond, naqraw u niktbu u f'xi waqtiet taħdita kulturali, dejjem fuq l-istorja u l-letteratura Taljana. Dik il-ħabta f'Malta ftit li xejn kien hawn lukandi u s-sorijiet kienu jilqgħu xi barranin li jżuru lil gżiritna. Kien hemm fil-monasteru madwar ħames kmamar li fihom kienu joffru rdoss lil dawn it-turisti.*

*Lejla waħda, ftit qabel ma ħriġna tfaċċat il-Madre Superjura. Din, dak il-ħin qatt ma kienet tidher u kull meta xtaqet tgħidilna xi ħaġa dan ikun matul il-jum, l-aktar fil-għodu. Kienet ftit imqita, iżżomm id-dixxiplina, iżda fl-istess waqt kellha qalb tad-deheb. Aħna bqajna ċċassati, nħarsu lejha u lejn xulxin u fl-istess waqt imxenqin ħalli naraw biex se toħroġ. Fl-aħħar din fetħet fommha u bi kliem meqjus bdiet titħaddet: "Għada, qisu li tiġu libsin bl'aħjar libsa li għandkom. Fuq kollox ejjew indaf, l-aktar xgħarkom, qisu li taħsluh u tirringawh."*

Il-Madre Superjura waqfet ħesrem bħalli kieku aħna nixtarru dak li qalet. Waħda minn sħabna li ma kellhiex sabar tistenna aktar u li ma kella ebda ħajla fi lsiena, qamet u saqsiet: *"Għaliex Rev.da Madre, tixtieq li niġu libsin aħjar mis-soltu?" "Għax għada għandha tasal il-Kontessa ta' Lepinot. Din aktar tard bi ħsiebha tagħmel żjara lilkom".*

***"Mela din tħobb ir-rakkmu? Sewwa qed nifhem?"*** Qbist u saqsejt jien. ***"Iva din għandha idejha tad-deħeb, taf taħdem ġmiel ta' xogħol – tħobb tammira u tapprezza."*** Il-għada kull xbejba waslet liebsa bl-aħjar libsa. Jien hekk ukoll għamilt u kull waħda minna bdejna ngħoddu s-sigħat meta din l-imbierka Kontessa se titfaċċa. Kellna mitt kurżita li narawha.

Nofs in-nahar ftit kien għad fadallu biex idoqq. Nisimgħu taħbita u hawn kull tfajla waqfet mix-xogħol u ħarset lejn il-bieb. L-ewwel li tfaċċat kif kien mistenni kienet il-Madre Superjura u ħdejha dehret mara twila, qisha vara, b'karnaġġjon ismar skur, b'għajnejn kbar u suwed tuta, liebsa stil Ewropew kif kienet il-moda għas-snin 1910. Kellha libsa tal-bellus, fuq l-aħdar skur, twila u mitluqa, b'dublett kważi jmiss ma' l-art. Kellha għonq tal-biżżilla li tissaħħar lejn ġmielu. Xogħol irqieq u maħdum b'sengħa kbira. Billi kellha spallejn wiesa'u sider mimli, dik il-biżżilla iżjed spikkat.

Il-Madre Superjura u l-Kontessa ma damux ma resqu lejna. Aħna fhimna li dik kienet is-Sinjura nobbli. Mhux biss ġiet iddur fuq kull waħda, iżda bdiet tara u tifli x-xogħol li kellna f'idejna. Aħna ta' xbejbiet li konna bqajna skantati meta rajnieha mhux biss ixxengel rasha, iżda wisq aktar meta bdiet tberraq għajnejha. Konna se ninfexxew nidħqu, iżda l-Madre qisha ntebħet x'kien bi ħsiebna nagħmlu u b'għajnejha bdiet tħares lejna bl-ikrah. Xtaqet tiżbranana. Allaħares dak il-ħars kollu kien stalletti għax kienet tinfidna dak il-ħin stess.

Mhux kull tfajla kienet taħdem l-istess, kien hemm min jaħdem bir-reqqa, oħrajn anqas. Min kien iżomm id-drapp nadif tazza billi ta' spiss imur jaħsel idejh oħrajn iħabblu rashom anqas.

Il-Kontessa , meta waslet fuqi, ħadet pjaċir bix-xogħol tiegħi, mhux biss tbissmet, iżda bdiet ittaptapli fuq spalti. Minn dak li bdiet tgħid jien ma fhimtx kelma għax kif stajt nieħu mill-aċċent kienet qed titkellem bil-Grieg jew bir-Russu. Kieku tkellmet bit-Taljan kont inkun nista' nifhem xi ħaġa.

Aktar tard il-Kontessa daret fuq il-Madre Superjura u bdiet taħdita bit-Taljan. Jien, bħal sħabi fhimt ħafna, iżda mhux kollox. Il-Madre rat li mhux kulħadd kien qed jifhem kollox u bla ma ħadd talabha bdiet taqleb kull kelma bil-Malti. Il-Kontessa tant ħadet gost bix-xogħol tagħna li din, qabel ħallietna fetħet basket u ħarġet minnu għadd ta kotba ċkejknin. Resqet hi stess u newlet wieħed lil kull waħda minna.

Meta kbirt aktar u l ktejjeb ġie f'idi, jien ma bqajtx lura li nistaqsi lil missieri fejn Lepinot kien jinsab.



Qallibt bosta kotba – enċiklopediji, oħjrajn tal-ġografija u x'naf jien, iżda bqajt b'xiber mnieħer, ma sibt xejn fejn din il-belt, raħal jew reġjun kien jinsab. Missieri lanqas kien jaf, iżda qalli li neta kien saqsa lil ommi dwar din il-Kontessa kienet qaltlu li din setgħet kienet Torka.

Missieri kompla jfisser li dan ma setax kien billi din is-Sinjura Nobbli kienet nisranija. Meta ommi qalet li kemm l-aċċent kif ukoll il-kliem kellhom xejra ħelwa u li fihom kien hemm ħafna l-konsonanti –'s' – missieri qalli li setgħet kienet ġejja minn Kostantinopli u li bla ebda dubju kienet dixxendenti ta' waħda mill-familji nobbli Biżantini li baqgħu jgħixu fl-Imperu Ottoman wara l-waqgħa tal-belt, ħames mitt sena ilu (1453 A.D.).

Il-ktieb għadu għandi u kull darba li jiġi f'idi mhux biss ngħid talba qasira għar-ruħ ommi, iżda nżid oħra għar-ruħ dik il-Kontessa li ħalliet xejn anqas tifkira tagħha taż-żjara li għamlet lil gżiritna ftit anqas min seklu ilu. •



# IL-BOLOL TA' MALTA (19)

## EUROPA







Il-folkor kien it-tema tal-bolol tal-Ewropa għas-sena 1981. Il-ħdax-il sett f'din is-serje li ħareġ fit-28 ta' April fuq disinn ta' Harry Borg juri żewġ bolol sbieħ li għandhom x'jaqsmu mal-festi Maltin. Dik tat-8ċ turi t-tlielaq taż-żwiemel li l-kavallieri ta' Malta kienu għamlu popolari f'pajjiżna. Hija tradizzjoni li dawn it-tlielaq isiru fit-toroq anki jekk dawn iż-żminijiet din m'għadhiex aktar prattika minħabba t-traffiku. Il-bolla tat-30ċ turi l-ġostra li għadha popolari maż-żgħażagħ f'dawk il-bliet u rħula li jmissu mal-baħar.

## 25 SENA TAL-FIERA INTERNAZZJONALI







Fit-12 ta' Ġunju 1981 il-Posta ħarġet żewġ bolol tal-4ċ u tal-25ċ fuq disinn ta' Anthony DeGiovanni biex tfakkar il-25 anniversarju tal-fiera internazzjonali li mill-bidu kienet turi l-kwalità tal-prodotti Maltin. Din minn dejjem kienet issir fix-xahar ta' Ġunju f'Palazzo Parisio fin-Naxxar. Għall-bidu kienet issir biex jiġu esebiti l-prodotti barranin f'Malta, iżda maż-żmien iktar minn 40 pajjiż beda jieħu sehem attiv ukoll.

## JUM DINJI DWAR L-IKEL







Minn mindu twaqqfet fl-1945, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikultura tal-Ġnus Magħquda (FAO) ħadmet bla heda kontra l-ġuħ u l-kawżi tal-ġuħ fid-dinja. L-ewwel ġurnata tal-Jum Dinji dwar l-Ikel kien iffissat għas-16 ta' Ottubru 1981 u għal din l-okkażjoni l-Posta ħarġet żewġ bolol tat-8ċ u tat-23ċ b'disinn ta' Richard J. Caruana. Dawn juru l-kontribuzzjoni tax-xjenza biex tiżdied il-produzzjoni tal-ikel madwar id-dinja.

## SENA GĦAL DAWK BI BŻONNIJIET SPEĊJALI





Il-Ġnus Magħquda ddikjarat l-1981 bħala s-sena internazzjonali għal dawk bi bżonnijiet speċjali bit-tema Parteċipazzjoni sħiħa u ugwaljanza. Fis-17 ta' Lulju 1981 ħarġu żewġ bolol fuq disinn ta' Antoine Camilleri li juru żewġ persuni jgħixu l-ħajja normali tagħhom. Il-bolla tat-3ċ turi raġel fuq siġġu tar-roti qed ipinġi b'ħalqu filwaqt li dik tal-35ċ turi tfajjel jilgħab ma' tfal oħra. Għal ħafna snin Malta ħadmet favur il-ġid u l-avvanz ta' dawn il-persuni bi bżonnijiet speċjali.

## MILIED










Il-Milied minn dejjem kienet il-festa tat-tfal u t-tliet bolol li ħarġu fit-18 ta' Novembru 1981 juru xeni b'disinn ta' Tony Bugeja fejn għandhom x'jaqsmu t-tfal Maltin. Il-bolla taż-2ċ + 1ċ turi l-popolarità tal-presepju b'żewġt itfal jammiraw il-grotta bil-pasturi. Dik tat-8ċ + 2ċ turi l-purċissjoni bil-Bambin li ssir f'kull belt u raħal mit-tfal tal-MUSEUM. Fil-bolla tal-20ċ + 3ċ naraw tifel qed jagħmel il-prietka tal-Milied waqt il-quddiesa ta' nofs il-lejl. •

***Jekk trid tirċievi 50 bolla differenti ta' Malta jew 100 bolla differenti ta' barra minn Malta, ibgħat 8 bolol ġodda tad-€0.19 fl-indirizz ta' hawn taħt.***

## KOMPETIZZJONI BOLOL TA' MALTA

**Liema minn dawn il-bolol għoġbitek l-iżjed? Spjega għaliex għażilt dik il-bolla.**

Il-premjijiet se jingħataw ġentilment mill-MaltaPost p.l.c. It-tweġibiet għandhom jintbagħtu lili f'dan l-indirizz: Kompetizzjoni **Bolol ta' Malta, 11, Triq il-Gladjoli, San Ġwann SGN 1370.**

**Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' Novembru 09 kienu:**

1. **Agnes Attard, 445, Triq l-Imdina, Ħal Qormi QRM9010**
2. **Carmelo Quattrocchi, 73, Triq tal-Labour, Naxxar**
3. **Jane Mifsud, Fawwara, Triq San Vinċenz, Ħamrun HMR2110**



# L-ABBUŻ TAD-DROGA

***Dan l-artiklu qed ikun stampat f'DAWL FRANĠISKAN wara li ntalab permess lill-aġenzija maltarightnow.com***

Kien wara nofsinhar meta Julie* tfajla ta' tmintax-il sena daħlet fl-appartament tal-partner tagħha u sabitu mitluq minn sensih ħdejn is-sufan. Wara li sejħitlu kemm-il darba u ma' qamx, irrealizzat li maġenbu kien hemm siringa... tatha ferneżija u ċemplet immedjatament lil ħuh li ġie fuq il-post u sab lil Julie ħdejn ħuh tibki ma' l-art.

L-emozzjonijiet kienu mħallta b'sens ta' dispjaċir li tilef lil ħuh u b'tort għax kien jaf li ħuh kien jabbuża mill-erojina u qatt ma' pprova jgħinu. Jumejn wara sar il-funeral u l-istess emozzjonijiet inħassew minn dawk preżenti għax kienu jafu bil-problema ta' John* iżda issa kien tard wisq għax id-droga rebħet fuq ħajtu filwaqt li lkoll tefgħu fil-ġenb il-problema.

Huma bosta l-kittieba u artikolisti kif ukoll politiċi li meta jitkellmu dwar il-problemi maġġuri f'Malta jidentifikaw il-bini, l-iskart u l-qagħad. Problema li kibret maż-żmien hi l-abbuż tad-droga - ħafna minna nagħrfu l-ħsara u d-deni li jġib ma' l-abbuż tad-droga, iżda qisu għax id-droga llegali, moħħna mistrieħ li l-problema qiegħda 'l bogħod minn gżiritna. Il-fatti juru mod ieħor. Sal-ġurnata ta' llum tliet studji mill-ESPD osservaw kemm hu l-perċentwali ta' l-użu ta' droga fost żgħażagħ ta' bejn il-15 u s-16-il sena. Fl-1995, 2% ammettew li missew xi sustanza projbita mill-anqas darba f'ħajjithom. Fl-1999 ir-rata telgħet għal 8% u reġgħet għoliet għal 11% fl-2003.

Il-kannabis hi l-aktar popolari fost dawk li jabbużaw mid-droga hawn Malta. Kif nafu, mhux l-ewwel darba li l-pjanti tal-kannabis instabu fi djar Maltin għal użu kummerċjali u dan minħabba l-fatt li l-klima tgħin lil din il-pjanta tikber mingħajr sustanzi artifiċjali. Mill-banda l-oħra r-reżina tal-kannabis tiġi mportata mit-tramuntana ta' l-Afrika. L-eroina li minkejja l-konsum baxx tagħha għadha qed tneħħi bosta ħajjiet, l-aħħar waħda dik taż-żagħżugħ miż-Żejtun, tiġi impurtata mill-pajjiżi tal-Lvant u t-Tramuntana ta' l-Afrika. Filwaqt li l-kokaina u l-ecstasy jaslu minn pajjiżi Ewropej. Fl-2003 l-aktar droga li nqabdet kienet il-ħaxixa (37%) segwita mill-erojina (24%) filwaqt illi l-maġġoranza ta' persuni arrestati b'konnessjoni ta' traffikar jew pusses ta' droga u li ġew mogħtija xi forma ta' sentenza kien b'relazzjoni mal-kannabis (53% pussess) u erojina (35% pussess).

Id-Drug Community Services fi ħdan il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali toffri appoġġ individwali għal nies li jagħmlu użu mid-droga u l-familjari tagħhom bil-għan li jimmotivaw individwi li għandhom din it-tip ta' dipendenza. B'hekk huma jagħmlu tibdil fil-ħajja tagħhom u jiġu mgħejjuna sabiex jaslu għall-astinenza u jibqgħu għaddejjin fuq din il-linja. Id-Drug Community Service qiegħed 2 Triq Braille, Sta Venera, u jista' jintlaħaq permezz tat-telefon fuq 2144 1014/5 jew bl-email fuq sedqa@gov.mt. Jeżisti wkoll il-help line 151 fejn wieħed jista' jċempel għal għajnuna. •

***L-ismijiet ta' persuni msemmija huma fittizji.***

## "IL-GĦALA TAT-TAMA LI GĦANDNA"

### TWEĠIBIET LIL HUTNA L-MUSULMANI

*minn Joseph Ellul OP*




IL-GĦALA TAT-TAMA LI GĦANDNA (Tweġibiet lil Ħutna l-Musulmani) miktub minn Fr Joseph Ellul OP jittratta tema li hija waħda attwali ħafna u xieraq li tingħata importanza. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qegħdin jiżdiedu l-kuntatti bejn Maltin u Musulmani minn għadd kbir ta' pajjiżi. Qiegħed jiżdied ukoll il-għadd ta' nisa Maltin li jiżżewġu Musulmani u l-ulied li jitnisslu minn dawn ir-rabtiet fil-biċċa l-kbira tagħhom jitrabbew fil-fidi Musulmana.

F'dan il-kuntest hu importanti ħafna li l-parti nisranija tkun taf tajjeb, tgħożż u tipprattika l-fidi li rċeviet mingħand il-ġenituri tagħha u li tissokta tikber fiha. Il-ħsieb wara dan ix-xogħol huwa:

- li jkun preżentazzjoni awtentika, iżda fil-qosor tal-fidi Nisranija,
- li nistqarru b'mod u manjiera li l-Musulmani jifhmu aktar aħna tabilħaqq x'nemmnu u
- b'hekk jikbru u jissaħħu r-rispett u l-ħbiberija ta' bejnietna.

Min-naħa l-oħra dawn il-kapitli huma stqarrija tal-fidi tagħna bħala komunità Nisranija.

Il-ktieb jinbiegħ bil-prezz ta' €7 u l-kopji jistgħu jinkisbu mingħand il-Pubblikazzjonijiet Dumnikani, c/o:

- **Fr Charles Fenech**
  Kunvent Patrijiet Dumnikani,
  Misraħ San Duminku, Rabat RBT 2521
  Tel: 2145 4592; jew mingħand
- Fr Henry Abela
  Kunvent tad-Dumnikani, Valletta
  Tel: 2123 4079 •

## "IL-GWIDA TAL-PELLEGRIN NISRANI"

**Awtur: Basil Hume**
**Ed. Oriġinali "To be a Pilgrim"**
**Traduzzjoni Carm C. Cachia**
**Lumen Christi Publications**
**Gozo 2009, A&M Printing**
**pp. 240, €7**




***minn Mons. Salv Grima***

Bħala Nsara nistqarru li "aħna pajżani tas-sema" (Fil 3:20) u allura m'aħniex għajr pellegrini f'art barranija. Il-biċċa issa hi:

- x'sura fiha dil-ħajja u x'toffrilna din l-art,
- ma xiex se niltaqgħu, fiex nistgħu nitfixklu, u
- kif nistgħu naslu!

Għandna dil-ġabra ta' diskorsi, taħdidiet, priedki u noti oħrajn dwar il-prinċipji u l-prattika tal-ħajja spiritwali li għaddielna l-Arċisqof ta' Westminster, il-Kardinal Basil Hume (1923-1999).

Ħarsa lejn l-ewwel taqsima turina li, għalkemm imqassma f'ħames kapitli, hemm ħafna iktar punti varji x'wieħed jomgħod u jimmedita. Hekk per eżempju joħorġu diversi mistoqsijiet:

- Jekk jeżistux nies "imbroljuni"?
- Għadu jiżisti id-dnub?
- X'inhu l-agħar faqar ta' llum?
- X'nifhmu meta ngħidu li aħna żewġ persuni?
- Nista' qatt nidħak b'Alla?
- Naf li Alla wkoll huwa pellegrin?
- X'suġġerimenti hemm biex nitqaddsu?
- Minn liema sfidi għaddejja l-fidi?
- Hemm xi riċetta għat-talb?
- Jixraq li ngħidu li l-quddiesa "spiċċat, jew immur "biex neħles minn piż?"

It-traduzzjoni għall-Malti ta' dan il-ktieb famuż ta' Basil Hume (*"To be a Pilgrim"*) hija tas-Sur Carm C. Cachia, waqt li Dun Anton Sultan ħadem bħala Editur u Pubblikatur ta' dan il-ktieb. Dan huwa d-disa' wieħed ippubblikat mil-Lumen Christi Publications fis-sensiela "Qawsalla Reliġuża" u kopji tiegħu jistgħu jinkisbu mill-Media Centre, Victoria, jew mingħand il-librara ewlenin tal-kotba reliġjużi f'Malta u Għawdex għall-prezz ta' €7. Ta' min jirrikmandah bħala ktieb eċċellenti għall-meditazzjoni
għas-saċerdoti, reliġjużi u lajċi mpenjati fil-katekeżi u fl-apostolat. •




# dawlFranġiskan

LEHEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

## Rivista ta' kull xahar bil-kulur bi 32 paġna

**ĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK GĦAS-SENA 2010**

**IVA NIXTIEQ** *(immarka fejn jgħodd għalik)*

☐ **Inġedded l-Abbonament tiegħi**

☐ **Nibda nirċievi dawlFranġiskan għall-ewwel darba**

Isem ..........

Indirizz ..........

..........

Post Code .......... Ammont € ..........

**IVA NIXTIEQ** *(immarka fejn jgħodd għalik)*

☐ **Nagħti Abbonament rigal lil:**

Isem ..........

Indirizz ..........

..........

Post Code .......... Ammont € ..........

Donatur (isem u kunjom) ..........

**IVA NIXTIEQ** *(immarka fejn jgħodd għalik)*

☐ **Nagħmel offerta ġeneruża**

Isem ..........

Indirizz ..........

..........

Post Code .......... Ammont € ..........

**Meta ġġedded l-abbonament €9.32 jew tagħmel offerta:**

- Tiżgura li f'darek jasallek dawlFranġiskan kull xahar tas-sena...
- Tagħti ċans lilek innifsek tiltaqa' ma' Aħbar ta' fejda li ddawlek u sserrħek...
- Inti stess ikollok sehem fil-ħidma missjunarja mal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja u f'Kuba...
- Bi flusek tgħin biex dawlFranġiskan jitfi d-dlam u bil-Kelma t'Alla jinżergħu l-Paċi u l-Ġid.

**GRAZZI**

***Jekk diġà ħallast għas-sena 2010 jew jekk fil-ġenerożita tiegħek għamilt xi offerta injorah dan l-avviż.***

Indirizza l-offerta tiegħek b'ċekk/ Postal Order lil:
**Amministratur**
**dawlFranġiskan**
**Kunvent tal-Franġiskani Kapuċċini**
**Triq l-Isqof F.X Fenech**
**Floriana FRN1211**

# ROKNA GĦAT-TFAL

## Aħseb u Wieġeb

1. Minnufih id-dgħajsa: Messet l-art; imxiet; għelbet. (Ġw 6,21)
2. pietru u Ġwanni tkellmu: B'kuraġġ, bil-biżgħa, bir-rogħda. (Atti 4,13)
3. Ir-rikkieb kien jismu: Saħħa; ħajja; mewt. (Apk 6,8)
4. L-imbikkem: Skanta; qabad jitkellem; beka. (Mt 9,33)
5. Ġesù tela' fuq l-għoljiet biex: Jitlob; jistrieħ; jorqod. (Mk 6,46)
6. U int, tfajjel, tissejjaħ: Profeta; mgħallem; mexxej. (Lq 1,76)
7. Id-dixxipli kienu marru: Ma' Ġesù; man-nies; weħidhom. (Ġw 6,22)
8. Minn min għandhom jisimgħu: Mill-kapijiet; minn Alla; mix-xjuħ. (Atti 4,19)
9. Ingħatatilhom libsa twila: ħamra; sewda; bajda. (Apk 6,11)
10. Ġesù dar l-ibliet ixandar l-Evanġelju u: Jaħdem; jitlob; ifejjaq. (Mt 9,35)

**Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslulna mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar.**

Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:
**ROKNA GĦAT-TFAL, Dawl Franġiskan, Kunvent tal Kapuċċini Floriana FRN 1211.**

**Ir-rebbieħa ta' Novembru 09 hija Katya Farrugia - Fgura Nifirħulek!**

# TISLIBA - 94



1. Togħla daqs din. (Għabd 4) **(5)**
2. Lis-slaten ta' Aram u ta' dawn. (2 Kron 1,17) **(6)**
3. Nixorbu ġdid fis-saltna. (Mk 14,25) **(5)**
4. Missier Għefron. (Ġen 23,8) **(5)**
5. ..., isimgħu mill-ġenituri. (Kol 3,20) **(4)**
6. Tużah il-ħassiela. (Mal 3,2) **(5)**
7. Jiġi u... is-sejf. (S 7,13) **(5)**
8. Meta *ta* lilu nnifsu. (Lhud 7,27) **(5)**
9. Tajtha lil ulied dan. (Dt 2,9) **(3)**
10. Ilkoll bdew... l-ħaraġ. (1 Mak 1,4) **(7)**
11. u 12. Hawn issib ħofor mudlama. (2 Pt 2,4) **(6)**
13. Tal-kitba dan. (Ġer 36,2) **(6)**
14. Din għad tikolhomlok. (Naħ 2,14) **(5)**
15. La Lhudi u... Grieg; u... mara. (Gal 3,28) **(5)**
16. Li *tgħixu* fl-imħabba. (2 Ġw 6) **(5)**
17. Lejn din tal-ward. (Għan 6,11) **(5)**
18. Hekk għandkom toqgħodu. (Bar 6,4) **(7)**
19. Dilek bih għajnejn ir-raġel. (Ġw 9,6) **(4)**
20. Ma jqumu bl-ebda... (1 Kor 15,29) **(3)**
21. 'il fejn ħares. (Rt 2,10) **(5)**
22. Dik li ħsiebha f'dan. (1 Tim 5,6) **(5)**

**RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' NOVEMBRU 09:**
***1. Festi; 2. Vittmi; 3. Ruben; 4. Habba; 5. Żejt; 6. Baxxa; 7. Eliħu; 8. Areta; 9. Tat; 10. Erbatax; 11. u 12. Filetu; 13. Taqbid; 14. Fidil; 15. Abjad; 16. Xahar; 17. Imrar; 18. Imħabba; 19. Hatt; 20. Qum; 21. Ittra; 22. Asima.***

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz:* ***Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - FRN 1211***

**Ir-rebbieħa ta' Novembru 09 hija Jane Mifsud - Ħamrun. Nifirħulek!**



# Q.T. BENEDITTU XVI DWAR QADDISIN, MARTRI U PERSUNI TWAJBA LI TAW XHIEDA FI ĦDAN IL-KNISJA KATTOLIKA SA MILL-BIDU TAGĦHA

## Evanġelizzazzjoni

Min-naħa ta' kif l-evoluzzjonisti u ateisti jaraw id-dinja... iħossu li l-bnedmin tali, sa mill-bidu, ġarrew il-ħażin u t-tajjeb fl-istess waqt... il-bnedmin mhumiex sempliċiment tajbin, iżda miftuħa għat-tajjeb u għall-ħażin... it-tnejn oriġinali. L-istorja tal-bniedem, skont dan il-ħsieb, sempliċiment ma tagħmel xejn għajr li tibqa' mixja skont dan il-mudell li jinstab fl-evoluzzjoni kollha... u dak li l-Insara jsejħu dnub oriġinali mhu xejn għajr taħlita tat-tajjeb u tal-ħażin.

Il-Papa jisħaq li din l-aħħar analiżi mhi xejn għajr dehra ta' disperazzjoni. Jekk inhi vera, allura l-ħażen ma jistax jintrebaħ... dak kollu li jgħodd huwa l-interess individwali, kull forma ta' progress ikun irid jitħallas minn gelgul ta' ħażen... u kull min ikun irid jimxi 'l quddiem ikollu jħallas dan il-prezz... din l-idea moderna, fl-aħħar mill-aħħar, toħloq biss diqa, dubji, egoiżmu, u disprezz.

Benedittu XVI iġgħelna nistaqsu... allura x'tgħid il-fidi? U jkompli jgħidlina li San Pawl jikkonferma il-kontradizzjoni bejn iż-żewġ naturi... il-verità tal-piż tad-dlam, tal-ħażen li joħnoq il-ħolqien kollu. Madankollu, b'kuntrast man-niket, mal-miżerja... tad-duwaliżmu... u monoiżmu... il-Fidi tkellimna dwar żewġ misteri... tad-dawl u tad-dlam... u l-Papa jgħidilna... "u l-misteru tad-dlam hu mdawwar minn kullimkien mill-misteru tad-dawl!"

Il-fidi tgħidilna li ma hemmx żewġ prinċipji, wieħed tajjeb u l-ieħor ħażin. Hemm prinċipju wieħed li hu Alla l-Ħallieq u hu biss tjubija bla ebda nitfa ħażen. Għaldaqstant il-bnedmin mhumiex taħlita ta' tajjeb u ta' ħażin. Il-bniedem bħala tali hu tajjeb... din hi l-aħbar sabiħa li twasslilna l-fidi: imma hemm sors wieħed, sors ta' tjubija, il-ħallieq, u għal din ir-raġuni... l-eżistenza wkoll hija tajba.

Il-Papa jwissina li hemm il-misteru tad-dlam... li ma twelidx mal-ħolqien, mhux oriġinali. Il-Ħażen ġie mill-ħolqien tal-ħelsien, minn ħelsien li ġie abbużat. Kif ġara dan? Mhux faċli li wieħed jagħti risposta! Il-Ħażen mhux loġiku. Alla u t-tajjeb biss huma loġiċi, huma biss id-dawl. Il-Ħażen jibqa' misteru, fih innifsu hu nieqes mil-loġika!

Il-Papa jagħlaq il-katekeżi dwar id-dnub oriġinali billi jgħidilna li l-Ħażen joħroġ minn sors inferjuri; Alla bid-dawl tiegħu hu ferm aktar qawwi. Għal din ir-raġuni l-ħażen jista' jintrebaħ, għal din ir-raġuni l-kreatura mhux biss tista' titfejjaq, imma tfiq. Il-kura tahielna Alla. Hu personalment daħal fl-istorja u, biex jeħodha kontra s-sors permanenti tal-ħażen, poġġa sors ta' tjubija mill-aktar pura: Kristu ssallab u qam mill-imwiet, Adam il-Ġdid li ħada kontra x-xmara mniġġsa bi xmara tad-dawl... xi ħaġa li għadha għaddejja fl-istorja tal-bniedem! •



# Għin lill-Knisja u lill-Ordni Franġiskan Kapuċċin fil-Kenja billi tagħmel...

# BOROŻ TA' STUDJU

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' €580 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

**Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:**
**P. Crispin Tabone OFMCap,**
**Segretarju tal-Missjoni, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana**

**Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525.**